Emenda 94
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Sabiex titħeġġeġ il-multifunzjonalità tal-impriżi tas-sajd, u b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq l-istokkijiet filwaqt li jinżamm il-bilanċ ekonomiku u soċjali tal-impriżi, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-operaturi involuti f'attivitajiet ta' diversifikazzjoni rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. it

Emenda 95
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jitlob, bl-għan li jiġi ssalvagwardjat il-futur tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u li jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet lokali, li jingħata appoġġ, permezz ta' finanzjament tal-UE, għat-tiġdid tal-flotot tas-sajd ta' dawk ir-reġjuni.

Or. pt

Emenda 96
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li, fit-tħejjija tal-kapitolu tal-FEMSA tal-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jirrispettaw il-kompetenzi tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, inkluż ir-rwol tagħhom fil-programmazzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-ġestjoni tal-programmi ta' appoġġ f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tagħhom.***

Or. en

Emenda 97
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloaġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloaġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt

li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar. ***L-appoġġ skont dan ir-Regolament għandu jiffoka fuq is-settur tas-sajd u tal-akkwakultura u l-komunitajiet li jiddependu minnu. Dan la għandu jintuża biex jiffinanzja l-projezzjoni ta' identità diplomatika tal-Unjoni jew ta' "setgħa ta' persważjoni" fuq l-oċeani, u lanqas biex jespandi l-azzjoni esterna tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi mogħtija mit-Trattati.***
	Or. en

Emenda 98
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni ***u r-restawr*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ***ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar,*** il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd u politiki oħra relatati mal-oċeani*** għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq ***infrastrutturi u*** soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima ***u tal-ikel, id-diplomazija dwar l-oċeani bbażata fuq il-multiplikazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali, SFPAs u ftehimiet kummerċjali***, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni ***tal-partijiet ikkonċernati u l-kumpaniji tal-Unjoni*** u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali

marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.

Or. it

Emenda 99
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, ***il-protezzjoni tal-ispeċijiet tal-baħar, inklużi speċijiet vulnerabbli u protetti, it-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji, is-sajd fantażma u d-disturb f'qiegħ il-baħar, it-titjib tal-benesseri tal-annimali fl-akkwakultura u fis-sajd,*** il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.

Or. en

Emenda 100
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati

Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu ***kompetittiva*** u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali ***u lill-gżejjer*** u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima ***u tal-ikel***, l-iżvilupp ta' ekonomija blu ***reżiljenti, ekwa, riġenerattiva*** u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali ***u tal-gżejjer, l-appoġġ għal sistemi tal-ikel lokali, reżiljenti u sostenibbli,*** u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. en

Emenda 101
Asger Christensen, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu l-objettivi tal-politiki tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni kif ukoll politiki oħra relatati mal-oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. en

Emenda 102
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli***, inklużi l-akkwakultura ta' livell trofiku baxx,*** u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.

Or. fr

Emenda 103
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni ***u r-restawr*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani ***u l-Att dwar l-Oċeani li jmiss*** għall-konservazzjoni***, ir-restawr u l-protezzjoni*** tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura

li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. en

Emenda 104
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu ***l-attivitajiet stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani għall-konservazzjoni*** u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu ***l-konservazzjoni*** u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer***, il-vijabbiltà tas-sajd artiġjanali inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi*** u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. fr

Emenda 105
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ iqisu l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. hr

Emenda 106
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***iqisu*** l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.	(7) Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ ***li jqisu*** l-attivitajiet stabbiliti ***fil-Politika Komuni tas-Sajd*** għall-konservazzjoni u r-restawr tar-riżorsi bijoloaġiċi tal-baħar, ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, il-ġestjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli u l-innovazzjoni fihom, filwaqt li jibbażaw fuq soluzzjonijiet innovattivi prodotti mir-riċerka u x-xjenza, is-sigurtà marittima, l-iżvilupp ta' ekonomija blu kompetittiva u sostenibbli, il-protezzjoni u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet kostali u lill-gżejjer u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali marittima fil-livell tal-baċiri tal-baħar.
	Or. en

Emenda 107
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-proċess ta' validazzjoni tal-Kummissjoni għall-Pjanijiet SNR jenħtieġ li jirrispetta l-kompetenzi distinti tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Dan jinkludi r-rwoli tagħhom fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programmi ta' appoġġ, f'konformità sħiħa mal-qafas kostituzzjonali intern ta' kull Stat Membru. Il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi wkoll l-"istabbiltà relattiva" tal-fondi għar-reġjuni tal-Istati Membri individwali, abbażi tan-nefqa storika.

Or. it

Emenda 108
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-finanzjament għas-sajd u għall-akkwakultura jenħtieġ li primarjament ikun ta' benefiċċju għall-operazzjoni u għall-attivitajiet produttivi ta' dawn is-setturi u jenħtieġ li jintuża biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Għalhekk, il-finanzjament użat għall-kontroll tas-sajd, għall-ġbir tad-data, għall-pariri xjentifiċi u għall-assistenza teknika jenħtieġ li ma jitteħidx mill-ammont delimitat b'ġestjoni kondiviża.

Or. en

Emenda 109
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kisba tal-objettivi*** ambjentali u ***ta' mitigazzjoni*** tal-Unjoni ***tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni*** enerġetika ***għas-setturi kollha***.	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati, ***fuq bażi volontarja u fejn l-Istat Membru kkonċernat iqis li dan ikun xieraq,*** azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-objettivi*** ambjentali u ***klimatiċi*** tal-Unjoni. ***L-ilħuq ta' tali objettivi la għandu jikkostitwixxi kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-appoġġ, jew għall-aċċess għalih, u lanqas ma għandu jintuża biex inaqqas, jissospendi jew iżomm il-finanzjament lill-operaturi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. L-appoġġ relatat mat-tranżizzjoni*** enerġetika ***għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dritt ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn sorsi ta' enerġija differenti u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 194(2) tat-TFUE***.

Or. en

Emenda 110
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li	(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li

jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, ***inkluża t-tranżizzjoni enerġetika*** għas-setturi kollha.

jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, ***inklużi t-tranżizzjonijiet enerġetiċi u diġitali u d-dekarbonizzazzjoni*** għas-setturi kollha. ***F'dan il-kuntest, u minħabba li l-età medja tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni hija ta' 31,5 sena, huwa imperattiv li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet u miżuri biex jiġu modernizzati u rinnovati l-bastimenti, bil-finanzjament korrispondenti meħtieġ, bl-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sigurtà abbord u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-vijabbiltà tas-settur fuq terminu qasir u fit-tul.***

Or. es

Emenda 111
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet*** relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kisba tal-objettivi ambjentali u*** ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament ***għalih***, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għas-setturi kollha***.	(8) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw l-azzjonijiet*** relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kompetittività, għall-ekonomija u għall-impjiegi tal-Unjoni, għall-vitalità tat-territorji Ewropej, għas-sigurtà tal-ikel u għall-produzzjoni tal-ikel b'impatt baxx, għall-objettivi*** ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament ***għat-tibdil ambjentali u klimatiku, b'mod partikolari permezz tal-kontribut għall-akkwakultura ta' livell trofiku baxx għas-servizzi tal-ekosistema, bħat-titjib tal-kwalità tal-ilma, iċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti u r-reżiljenza tal-kosti, għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni***, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għal dawk is-setturi, kif ukoll il-preżenza, id-diplomazija u s-setgħa ta' persważjoni***

tal-Unjoni fuq l-oċeani.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 10 tal-abbozz ta' rapport.

Emenda 112
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għall-kisba*** tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għas-setturi kollha***.	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu ***għat-tisħiħ tal-kompetittività ta' dawn is-setturi, l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u għall-ilħuq*** tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, fejn ikun meħtieġ investiment sinifikanti biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet affordabbli u kummerċjalment vijabbli li kapaċi jiddekarbonizzaw l-attivitajiet tagħhom u jikkontribwixxu għall-ilħuq tan-newtralità klimatika***.

Or. en

Emenda 113
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha***, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, l-objettiv ta' tniġġis żero, it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-titjib tal-benesseri tal-annimali, b'mod partikolari fl-akkwakultura***.

Or. en

Emenda 114
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha. ***Il-modernizzazzjoni tal-flotta hija kundizzjoni meħtieġa biex nimxu lejn sajd aktar sostenibbli, sikur u kompetittiv.***

Or. hr

Emenda 115
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha ***dment li dawn ma jwasslux għal żbilanċi soċjoekonomiċi għas-sajjieda, b'mod partikolari dawk artiġjanali***.

Or. fr

Emenda 116
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha***, filwaqt li jitqies li kwalunkwe sforz meħud ma jistax joħloq żvantaġġi kompetittivi***.

Or. en

Emenda 117
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd,	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd,

mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha ***f'konformità mal-prinċipji tat-tranżizzjoni ġusta***.

Or. en

Emenda 118
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Għandu*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.	(8) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, ***is-sigurtà tal-ikel,*** inkluża t-tranżizzjoni enerġetika għas-setturi kollha.

Or. en

Emenda 119
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għas-setturi kollha***.	(8) Għandu jkun possibbli li jiġu appoġġati azzjonijiet relatati mas-sajd, mal-akkwakultura u mal-ekonomija blu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi ambjentali u ta' mitigazzjoni tal-Unjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, inkluża t-tranżizzjoni enerġetika ***għall-katina tas-sajd kollha***.

Or. it

Emenda 120
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Is-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u għan-nutrizzjoni. Madankollu, f'dawn l-aħħar snin, il-livell ta' awtosuffiċjenza kompla jonqos u l-Unjoni bħalissa timporta madwar 70 % tal-provvista tagħha ta' prodotti tas-sajd u għalhekk tiddependi ħafna minn pajjiżi terzi. Sfida ewlenija hija l-promozzjoni tal-konsum tal-proteina mill-ħut prodott fl-Unjoni bi standards ta' kwalità għolja li hija disponibbli għall-konsumaturi bi prezzijiet affordabbli. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jkunu jistgħu jiġu appoġġati l-promozzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura, inkluża l-akkwakultura tal-ilma ħelu, għat-trobbija ta' annimali u pjanti akkwatiċi biex jiġu prodotti l-ikel u materja prima oħra.

Or. en

Emenda 121
Francisco José Millán Mon

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Sabiex jittejbu s-saħħa, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza enerġetika u l-kwalità tal-qabdiet, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu

appoġġati t-tiġdid tal-flotta u l-investimenti abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Għall-finijiet tal-kejl tal-kapaċità tas-sajd, jenħtieġ li ma jitqiesx it-tunnellaġġ gross attribwibbli direttament għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol, għall-effiċjenza enerġetika jew għall-kwalità tal-qabdiet. Tali appoġġ, kif ukoll appoġġ biex jintlaħaq l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali u objettivi oħra tal-PKS, għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Or. en

Emenda 122
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Skont it-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji għas-Sajd, l-Unjoni impenjat ruħha li telimina s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inklużi s-sussidji għas-sajd li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Or. en

Emenda 123
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Il-finanzjament u l-attivitajiet

relatati mas-sajd u mal-akkwakultura jenħtieġ li jkunu eżentati mill-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Or. en

Emenda 124
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) It-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tas-settur tas-sajd u tal-komunitajiet kostali, fid-dawl tal-istruttura li qed tiqdiem tal-forza tax-xogħol tas-sajd f'ħafna Stati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li l-FEMSA jappoġġa operazzjonijiet li jiffaċilitaw id-dħul u l-istabbiliment ta' sajjieda żgħażagħ fil-professjoni, inkluż permezz ta' aċċess imtejjeb għall-bastimenti, għall-opportunitajiet tas-sajd, għall-istrumenti finanzjarji, u għal taħriġ imfassal apposta. Tali appoġġ jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-istabbiltà tal-introjtu, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, tas-sikurezza, u tal-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż f'oqsma bħas-sostenibbiltà, il-prattiki tas-sajd b'impatt baxx, id-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni tan-negozju, kif ukoll għat-tisħiħ tal-attraenza tal-professjoni tas-sajd. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni jista' jkollhom ukoll rwol fit-tħeġġiġ tat-tiġdid ġenerazzjonali. F'konformità mal-prinċipji orizzontali applikabbli tal-finanzjament tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet appoġġati jintegraw

perspettiva tal-ġeneru u jindirizzaw b'mod xieraq ir-rwol, il-parteċipazzjoni u l-bżonnijiet speċifiċi tan-nisa fis-settur tas-sajd.

Or. en

Emenda 125
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Meta jkun fattibbli u xieraq fid-dawl tal-prijoritajiet applikabbli speċifiċi għas-settur, il-programmi u l-attivitajiet jenħtieġ li jiġu implimentati filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod prammatiku. Għall-attivitajiet relatati mas-setturi primarji li jipproduċu l-ikel, bħas-sajd u l-akkwakultura, l-objettiv tat-tiġdid ġenerazzjonali għandu jkollu prijorità fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 126
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq ***(OKS)*** għall-prodotti tas-sajdu tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ***ewlieni*** tal-Politika Komuni tas-Sajd ***u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE***. ***Għal dan***	(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, ***tibqa'*** pilastru ***essenzjali*** tal-Politika Komuni tas-Sajd ***li jikkontribwixxi*** għal swieq ***stabbli, introjtu ekwu għall-produtturi, sigurtà tal-ikel, u settur Ewropew kompetittiv tal-frott tal-baħar.***

l-għan, l-Istati Membri ***għandhom iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari għall-istabbiliment u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet*** tal-Produtturi***, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards*** tal-kummerċjalizzazzjoni***, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data*** tas-suq ***fil-livell nazzjonali***.

Fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet SNR tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri***, meta jkun xieraq u f'konformità mal-bżonnijiet nazzjonali u reġjonali, jappoġġaw miżuri li jsaħħu l-kooperazzjoni mmexxija mill-produtturi, inkluż l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Organizzazzjonijiet*** tal-Produtturi ***u Organizzazzjonijiet Interprofessjonali, itejbu l-implimentazzjoni prattika tal-istandards*** tal-kummerċjalizzazzjoni***, u jtejbu t-trasparenza*** tas-suq ***permezz ta' informazzjoni affidabbli u aċċessibbli dwar is-suq. Tali appoġġ jenħtieġ li jgħin lill-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi l-intrapriżi kostali u żgħar u ta' daqs medju, biex jirrispondu għall-volatilità tas-suq, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn, u jsaħħu r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Ewropa***.

Or. en

Emenda 127
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari għall-istabbiliment u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell	(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari għall-istabbiliment u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, ***filwaqt li jiżguraw li l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fuq skala żgħira jkunu jistgħu jaċċessaw assistenza teknika, gwida***

nazzjonali.	***prattika u prefinanzjament, b'rekwiżiti amministrattivi proporzjonati u simplifikati xierqa għall-iskala tal-appoġġ, biex joperazzjonalizzaw u jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Produzzjoni u Kummerċjalizzazzjoni tagħhom***, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 128
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura ***tal-UE***. Għal dan l-għan, l-Istati Membri ***għandhom*** iqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari għall-istabbiliment u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell nazzjonali.	(9) L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, hija pilastru ewlieni tal-Politika Komuni tas-Sajd u għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-istabbiltà u t-trasparenza tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura ***tal-Unjoni***. Għal dan l-għan, l-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jqisu l-appoġġ tal-Pjan SNR tagħhom, b'mod partikolari għall-istabbiliment u t-tisħiħ tal-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, il-ġbir u d-disseminazzjoni tad-data tas-suq fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 129
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza ***u t-twettiq*** ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex ***jimplimentaw il-leġiżlazzjoni*** korrispondenti tal-UE ***u*** jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma ***jkunu*** ppjanati.	(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza***, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, it-twettiq*** ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex ***itejbu l-ġbir tad-data, inkluża dik soċjoekonomika, u l-pariri xjentifiċi, li huma essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni*** korrispondenti tal-UE***,*** jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma ***jinżammu jew ikunu*** ppjanati b'viżjoni ***fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 15 tal-abbozz ta' rapport.

Emenda 130
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza u t-twettiq ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-UE u jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma jkunu ppjanati.	(10) Il-Politika Komuni tas-Sajd hija bbażata fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza u t-twettiq ta' kontrolli adegwati u fuq l-ebda tolleranza għas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat. L-Istati Membri jenħtieġ jiġu appoġġati biex jimplimentaw il-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-UE u jiżguraw li l-attivitajiet f'dawn l-oqsma jkunu ppjanati. ***F'dan ir-rigward appoġġ għat-titjib tal-ġbir tad-data u l-parir xjentifiku li huwa kruċjali għall-implimentazzjoni ta'***

politika bbażata fuq ix-xjenza.

Or. en

Emenda 131
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Il-kontroll tas-sajd huwa importanti immens għall-implimentazzjoni tal-PKS. Għalhekk, b'ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-FEMSA jappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Ċerti obbligi stabbiliti f'dak ir-Regolament jiġġustifikaw appoġġ speċifiku mill-FEMSA, jiġifieri sistemi obbligatorji tat-traċċar tal-bastimenti u tar-rapportar elettroniku, sistemi obbligatorji ta' sorveljanza elettronika mill-bogħod u l-kejl u r-reġistrazzjoni obbligatorji kontinwi tal-potenza propulsiva tal-magni. Barra minn hekk, l-investimenti tal-Istati Membri fl-assi tal-kontroll jistgħu jintużaw ukoll għall-finijiet tas-sorveljanza marittima u għall-kooperazzjoni fil-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta.

Or. en

Emenda 132
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Meta tistabbilixxi l-istadji importanti u l-miri marbuta mal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmira wkoll għal kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni tal-istadji importanti u tal-miri. Jenħtieġ li l-istadji importanti u l-miri jkunu realistiċi u fattibbli u jenħtieġ li ma jdgħajfux il-kompetittività tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 133
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jirrakkomanda l-użu tad-diplomazija dwar l-oċeani bħala mezz biex l-Unjoni Ewropea żżid l-importanza li l-pajjiżi terzi jissodisfaw l-istandards Ewropej b'kundizzjonijiet ekwi, tippromwovi l-applikazzjoni ta' standards ambjentali, soċjali u ekonomiċi komparabbli u tiżgura li l-kompetizzjoni tkun ġusta għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

Or. pt

Emenda 134
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Is-suċċess tal-PKS jiddependi mid-disponibbiltà tal-parir xjentifiku għall-ġestjoni tas-sajd, u, għaldaqstant, mid-disponibbiltà tad-data dwar is-sajd. Fid-dawl tal-isfidi u tal-kostijiet biex tinkiseb data affidabbli u sħiħa, jenħtieġ li jiġu appoġġati l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jiġbru u jipproċessaw id-data f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u biex jikkontribwixxu għall-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Dak l-appoġġ jenħtieġ li jippermetti sinerġiji mal-ġbir u mal-ipproċessar ta' tipi oħra ta' data tal-baħar.

Or. en

Emenda 135
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Jisħaq fuq il-fatt li, sabiex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi u tiġi ppreżervata l-kompetittività tas-settur Ewropew tas-sajd u tal-akkwakultura, il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati minn pajjiżi terzi jridu jissodisfaw standards ambjentali, tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-produtturi tal-UE.

Or. pt

Emenda 136
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE jenħtieġ li japplikaw għall-appoġġ mogħti lil impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura skont dan ir-Regolament. Madankollu, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur, jenħtieġ li dawk id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għall-appoġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE li jitwettaq skont u f'konformità ma' dan ir-Regolament, jew ir-Regolament (UE) Nru 1308/2012 kif ukoll finanzjament nazzjonali addizzjonali għal dawk l-interventi fejn l-appoġġ tal-Unjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tat-TFUE li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE fir-rigward tas-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, bl-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi f'dawk ir-reġjuni bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità jew il-qagħda mbiegħda tagħhom. Or. en

Emenda 137
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 10c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10c) L-Istati Membri jenħtieġ li jinsistu

għall-iżvilupp ta' attivitajiet ibbażati fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli, filwaqt li jiżguraw li r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi assoċjati jkunu proporzjonati u kompatibbli mal-kapaċità tal-awtoritajiet reġjonali.

Or. pt

Emenda 138
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10d) Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-iskattar tal-limitu u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà fir-rigward tal-kriterji ta' ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet, fir-rigward tal-arranġamenti għall-irkupru tal-għajnuna mogħtija fil-każ ta' ksur serju, fir-rigward tad-dati rilevanti tal-bidu jew tat-tmiem tal-perjodu ta' inammissibbiltà u l-kundizzjonijiet għal perjodu mnaqqas ta' inammissibbiltà u b'rispett tad-definizzjoni ta' kriterji għall-kalkolu tal-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-iżvantaġġi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija

tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

Or. en

Emenda 139
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Premessa 10d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10d) L-istabbiliment tal-osservatorju tal-baħar fond tal-Atlantiku bl-għan li jittejbu l-għarfien u l-fehim tal-ambjenti tal-baħar, titrawwem ekonomija blu sostenibbli u jiġi żgurat li r-riżorsi tal-oċeani jiġu ġestiti b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġu appoġġati l-protezzjoni u l-użu sostenibbli ta' qiegħ il-baħar, li jridu jkunu parti mill-inizjattiva tal-Kummissjoni OceanEye.

Or. pt

Emenda 140
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Premessa 10e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10e) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-

Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

Or. en

Emenda 141
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd***, kif ukoll għall-ilħuq tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura] u l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr relatati, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina], id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu], id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE [id-Direttiva dwar il-Ħabitats], id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva dwar l-Għasafar], id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/105/KE, id-Direttiva (UE)***

2024/3019, id-Direttiva 91/676/KEE, id-Direttiva 2005/35/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [il-kwalità tal-ilma u l-kontroll tat-tniġġis], id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380), u għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwarha, u l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal settur tas-sajd sostenibbli u reżiljenti, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli tal-2011, u l-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) biex jiġi Żgurat is-Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar (il-Linji Gwida SSF).

Or. en

Emenda 142
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-implimentazzjoni tal-Politika	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani***, l-Att dwar l-Oċeani li jmiss,*** u għall-

Komuni tas-Sajd.	implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd***, u l-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti, bħal pereżempju biex jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr fuq mill-inqas 30 % tal-erja totali tat-tipi kollha ta' ħabitats elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2022/869 li ma tkunx f'kundizzjoni tajba sal-2030 u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050, biex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar tal-UE kif definit fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, biex jiġu kkalkulati l-impatti kumulattivi tal-attivitajiet fuq l-ekosistemi u jiġu identifikati l-opportunitajiet għal użi multipli tal-ispazju billi jiġu rispettati l-ekosistemi, biex jiġi żgurat li l-ispeċijiet tal-annimali u l-ħabitats ma jibqgħux jonqsu jew jisparixxu iżda jirkupraw u jirnexxu fit-tul, biex jinżammu u jiġu protetti t-3 000 sit tan-natura tal-baħar attwali tan-network Natura 2000, u biex jiġi protett minimu ta' 30 % taż-żona tal-baħar tal-UE sal-2030, b'terz minnhom ikun protett b'mod strett***. Or. en

Emenda 143
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-implimentazzjoni tal-Politika	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani***, jiġifieri għall-prijoritajiet tiegħu li jipproteġi u jirrestawra s-saħħa tal-***

Komuni tas-Sajd.	***oċeani, jappoġġa l-komunitajiet kostali, tal-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi u javvanza r-riċerka, l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni dwar l-oċeani,*** u għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd ***u tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (il-Ftehim BBNJ)***.

Or. en

Emenda 144
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament ***XX*** [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament ***jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (il-"FEMSA") għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034***. Ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament ***…/…*** [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd ***(PKS) u tal-politika marittima tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 145
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd ***(PKS), inklużi l-akkwakultura u l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS)***. ***Dan jista' jikkontribwixxi wkoll għall-attivitajiet tal-politika marittima u tal-Patt Ewropew għall-Oċeani.***

Or. en

Emenda 146
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 ***tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu***. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 ***tar-Regolament 1380/2013***. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. en

Emenda 147
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. fr

Emenda 148
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. es

Emenda 149
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi ***għall-attivitajiet kif stabbiliti fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. en

Emenda 150
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti ***fil-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-implimentazzjoni tal-Politika*** Komuni tas-Sajd.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi kundizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament XX [il-Fond SNR], u b'mod partikolari l-punt (d) tiegħu. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet kif stabbiliti ***fil-Politika*** Komuni tas-Sajd ***u għall-implimentazzjoni tagħha***.

Or. hr

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:
	(a) bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 [(28)]; jew
	(b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	(2) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;
	(3) "sajd" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;
	(4) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li għandhom l-għan li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;
	(5) "politika marittima" tfisser politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u

tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;

(6) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu pprevenuti kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

(7) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet" tfisser sħubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;

(8) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(9) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili – il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u

	tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.

Or. en

Emenda 152
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	***imħassar***

Or. en

Emenda 153
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali]. ***L-appoġġ taħt il-Faċilità tal-UE għandu jkopri, fost l-oħrajn, azzjonijiet LIFE li jinkludu proġetti strateġiċi dwar in-natura, proġetti integrati strateġiċi u proġetti ta' azzjoni standard li jindirizzaw***

	il-prijoritajiet tal-politika ambjentali, attivitajiet li jirfdu t-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki ambjentali u klimatiċi relatati mal-oċeani, u appoġġ għall-varar, l-espansjoni u r-replikazzjoni fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet ta' suċċess li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi relatati mal-oċeani stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 154
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali]. ***L-appoġġ għandu jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni kondiviża mill-Istati Membri. Ir-rikors għal ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni, inkluż permezz tal-Faċilità tal-UE, għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament meħtieġ u ma għandux inaqqas il-pakketti finanzjarji allokati lill-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 155
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali]. ***Il-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament se jkunu applikabbli fil-baġit kollu irrispettivament mill-oriġini tal-appoġġ.***

Or. en

Emenda 156
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) ***[...] [***il-Fond ***għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali]***.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) ***…/...*** [il-Fond ***SNR***], ***kif ukoll taħt l-Istrument Ewropa Globali kif stabbilit fir-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament dwar Ewropa Globali]***.

Or. en

Emenda 157
Kristoffer Storm

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].	Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut fil-qafas ***tal-Fond għall-Kompetittività, ta' Ewropa Globali u*** tal-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali, inkluż il-Faċilità tal-UE f'konformità mar-regoli li jirregolaw dak il-Fond u stabbiliti fir-Regolament (UE) [...] [il-Fond għas-Sħubijiet Nazzjonali u Reġjonali].

Or. en

Emenda 158
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Artikolu 1a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn: (a) bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 [28]; jew (b) sajjieda tal-miexi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	(2) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;
	(3) "sajd" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;

(4) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li għandhom l-għan li jiżguraw l-ekwità, l-integrità ekoloġika, u l-ġestjoni fit-tul, flimkien mas-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul, f'konformità mal-konfini planetarji u li huma konsistenti mal-SDGs, b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika tal-Unjoni;

(5) "politika marittima" tfisser il-politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet ikkoordinat u konsistenti sabiex jiġi massimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali, ġeżjer u insulari u r-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti u permezz tal-identifikazzjoni u tal-indirizzar tal-assimetriji tal-poter u l-inġustizzji biex ikun possibbli teħid ta' deċiżjonijiet aktar ġust u sostenibbli fil-kuntest tal-ekonomija blu sostenibbli;

(6) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu pprevenuti kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

(7) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet" tfisser

shubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;

(8) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem (inklużi l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar) f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(9) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili – il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.

Or. en

Emenda 159
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sajd kostali fuq skala żgħira" tfisser attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:

(a) bastimenti tas-sajd tal-baħar u tal-ilmijiet interni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru u li ma jużawx irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006; jew

(b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;

(2) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat inkluż sajjieda tal-miexi;

(3) "sajjied żagħżugħ" tfisser "sajjied", kif definit f'dan ir-Regolament, li ma jaqbiżx limitu massimu tal-età stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat, li ma għandux jaqbeż l-40 sena;

(4) "sajjied" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat;

(5) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, mal-ibħra, mal-kosti u mal-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li għandhom l-għan li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;

(6) "politika marittima" tfisser politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-

koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;

(7) "sigurtà u sorveljanza marittima" tfisser l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu pprevenuti kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

(8) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet" tfisser sħubija li tiġbor data u metadata marittima sabiex dawk ir-riżorsi frammentati jsiru aktar disponibbli u jistgħu jintużaw aktar mill-utenti pubbliċi u privati billi tiġi offruta data marittima ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata;

(9) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

(10) "osservazzjoni tal-oċeani" tfisser il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili – il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar, it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u

	d-difiża. Toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.
	(11) "ftehim ta' shubija dwar is-sajd sostenibbli" tfisser ftehim internazzjonali kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (37) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 160
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 2	***imħassar***
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	

Or. en

Emenda 161
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	***Il-prijoritajiet***

Or. en

Emenda 162
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u*** għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni ***kif ukoll inizjattivi oħra relatati mal-oċeani***

Or. en

Emenda 163
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. en

Emenda 164
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. hr

Emenda 165
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	***imħassar***

Or. en

Emenda 166
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR] ***u l-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura] u l-Pjanijiet Nazzjonali ta'***

Restawr relatati, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina], id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu], id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE [id-Direttiva dwar il-Ħabitats], id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [id-Direttiva dwar l-Għasafar], id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 - Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380), u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwarha, u l-pjanijiet direzzjonali nazzjonali skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/105/KE, id-Direttiva (UE) 2024/3019, id-Direttiva 91/676/KEE, id-Direttiva 2005/35/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [il-kwalità tal-ilma u l-kontroll tat-tniġġis], il-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għal Sajd Responsabbli tal-2011, u l-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) għall-Iżgurar ta' Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar (Linji Gwida SSF).

Or. en

Emenda 167
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-appoġġ għall-Politika*** Komuni tas-Sajd***, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti*** fl-Artikolu ***2(d)tar-[Regolament*** SNR].	1. ***1. Il-FEMSA għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika*** komuni tas-sajd ***kif stabbilit*** fl-Artikolu ***2(1), il-punt (d)tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament*** SNR]. ***Dan għandu jsegwi l-prijoritajiet li ġejjin:***
	(a) it-trawwim tas-sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi;
	(b) it-trawwim ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni;
	(c) it-tisħiħ tal-kompetittività sostenibbli tal-ekonomija blu fiż-żoni kostali, insulari u interni, u t-trawwim tal-iżvilupp tal-komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura u r-reżiljenza tal-komunitajiet kostali;
	(d) it-tisħiħ tad-diplomazija tal-UE dwar l-oċeani u l-governanza internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tal-oċeani u l-iffaċilitar ta' ibħra u oċeani sikuri, siguri, nodfa, b'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli;
	(e) l-avvanz tar-riċerka, l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni tal-oċeani.
	2. L-appoġġ fil-kuntest tal-FEMSA għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettivi ambjentali tal-Unjoni, u dawk ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih. Dak il-kontribut għandu jiġi ttraċċat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fir-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni].
	Or. en

Emenda 168

Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani, ***għall-Att li jmiss dwar l-Oċeani***, u għall-politika marittima u tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR]***, kif ukoll l-appoġġ biex jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr fuq mill-inqas 30 % tal-erja totali tat-tipi kollha ta' ħabitats elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2022/869 li ma tkunx f'kundizzjoni tajba sal-2030 u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050, biex jinkiseb Status Ambjentali Tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar tal-UE kif definit fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, biex jiġu kkalkulati l-impatti kumulattivi tal-attivitajiet fuq l-ekosistemi u jiġu identifikati l-opportunitajiet għal użi multipli tal-ispazju billi jiġu rispettati l-ekosistemi, biex jiġi żgurat li l-ispeċijiet tal-annimali u l-ħabitats ma jibqgħux jonqsu jew jisparixxu iżda jirkupraw u jirnexxu fit-tul, biex jinżammu u jiġu protetti t-3 000 sit naturali tal-baħar attwali tan-network Natura 2000, u biex jiġi protett minimu ta' 30 % taż-żona tal-baħar tal-UE sal-2030, b'terz minnhom ikun protett b'mod strett***.

Or. en

Emenda 169
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR]***, u għandu jikkontribwixxi għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi u l-bijodiversità tal-baħar, in-newtralità klimatika, l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tat-tniġġis, il-prevenzjoni stretta tas-sajd eċċessiv, il-qabdiet aċċessorji u t-tbatija tal-annimali***.

Or. en

Emenda 170
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu ***2(d)*** tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu ***2(a) u (d)*** tar-[Regolament SNR]***, segwit permezz ta' mill-inqas l-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(a) u (d) ta' dak ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 171
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura***, kif ukoll inizjattivi oħra relatati mal-oċeani,*** tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].

Or. en

Emenda 172
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].

Or. fr

Emenda 173
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***, għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].	1. L-appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni għandu jappoġġa l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2(d) tar-[Regolament SNR].

Or. en

Emenda 174
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-prijoritajiet ta' finanzjament ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ddedikati esklużivament għall-iżvilupp, il-modernizzazzjoni, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-flotta tas-sajd, is-sajd kostali fuq skala żgħira, l-akkwakultura, il-kummerċjalizzazzjoni u n-nisġa soċjoekonomika kostali.

Or. es

Emenda 175
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Tipi ta' interventi
	L-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu
	(a) appoġġ għas-sajd kostali fuq skala żgħira, it-tiġdid ġenerazzjonali, it-tranżizzjoni lejn is-sajd sostenibbli b'impatt baxx, inkluża t-tranżizzjoni lil hinn mid-dipendenza mill-irkaptu rmunkat u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, it-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u l-akkwakultura b'livell trofiku baxx kif ukoll azzjonijiet li jtejbu s-sikurezza;

(b) appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar selettivi u għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;

(c) appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS);

(d) appoġġ lis-sajjieda fuq skala żgħira u lill-produtturi tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd fuq skala żgħira u tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx għall-introjtu mitluf tagħhom jew għall-kostijiet addizzjonali u l-kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 176
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Baġit
	1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FEMSA għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 7 290 000 000 fi prezzijiet kurrenti kif stabbilit fl-Artikolu 10(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) .../… [il-Fond SNR].

2. Ammont minimu ta' EUR 1 000 000 000 fi prezzijiet kurrenti taħt il-Faċilità tal-UE msemmija fl-Artikolu 10(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) .../… [il-Fond SNR] għandu jiġi allokat għal azzjonijiet tal-Unjoni li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

3. Ammont minimu ta' EUR 1 690 000 000 fi prezzijiet kurrenti skont ir-Regolament (UE) .../… [ir-Regolament dwar Ewropa Globali] għandu jiġi allokat għall-finanzjament ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u għall-kontribuzzjonijiet lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs).

4. L-allokazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu pakketti finanzjarji minimi u ma għandhomx ikunu soġġetti għal riallokazzjoni jew trasferiment għal oqsma jew objettivi ta' politika oħra skont il-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (il-"Pjan NRP") jew skont ir-Regolamenti msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Or. en

Emenda 177
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Definizzjonijiet
	(...)
	(10) "akkwakultura b'livell trofiku baxx" tfisser it-trobbija ta' speċijiet li jokkupaw livelli aktar baxxi tax-xibka alimentari. Din tikkonsisti f'akkwakultura mhux mitmugħa li tinkludi organiżmi filtrati (eż.

maskli, gajdra, u gandoffli), detritivori (eż. bużżi), alka tal-baħar, iżda wkoll ħut erbivori (eż. karpjuni).

(11) "sistemi tal-akkwakultura ta' riċirkolazzjoni" tfisser faċilitajiet tal-akkwakultura bbażati fuq l-art, jew fil-beraħ jew ġewwa, li jimminimizzaw il-konsum tal-ilma billi jiffiltraw, jaġġustaw u jużaw mill-ġdid l-ilma.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni: definizzjonijiet ibbażati fuq il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Assistenza fl-Akkwakultura u s-sit web tal-Kummissjoni: https://aquaculture.ec.europa.eu/mt/faq/12-what-integrated-multi-trophic-aquaculture-imta-and-it-sufficiently-developed-industrial / https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/fec31328-643a-11eb-aeb5-01aa75ed71a1/language-en

Emenda 178
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2b
	Tipi ta' interventi
	1. L-interventi skont dan ir-Regolament għandhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd kif stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għandhom jinkludu appoġġ:
	(a) għal sajd ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi;
	(b) għat-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u tal-akkwakultura;
	(c) għal azzjonijiet li jtejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u

tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd;

(d) għat-tiġdid tal-flotta;

(e) għall-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' prattiki tas-sajd aktar selettivi;

(f) għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;

(g) għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS);

(h) għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf jew għall-kostijiet addizzjonali tagħhom f'każ ta' avvenimenti eċċezzjonali li jikkawżaw tfixkil sinifikanti tas-swieq u tal-attivitajiet;

(i) għal kumpens lil organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament;

(j) l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, b'mod partikolari l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs);

(k) it-trawwim ta' kontroll u infurzar effiċjenti tas-sajd, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd IUU, kif ukoll data affidabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-għarfien;

(l) il-ġbir u l-ġestjoni tad-data f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(m) l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi l-organizzazzjoni tas-suq, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-kwalità u t-traċċabbiltà tal-prodotti;

(n) l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

(o) l-iżvilupp tal-kapital uman u t-tiġdid

	ġenerazzjonali, inkluż it-taħriġ professjonali;
	(p) il-kumpens għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd.

Or. en

Emenda 179
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni***	***L-appoġġ*** għall-Politika Komuni tas-Sajd, ***inkluża l-akkwakultura***

Or. en

Emenda 180
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. fr

Emenda 181
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd, u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. es

Emenda 182
Stephen Nikola Bartulica

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd**,** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. hr

Emenda 183
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd**,** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. en

Emenda 184
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. en

Emenda 185
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd***,*** ***għall-Patt Ewropew għall-Oċeani*** u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni	Appoġġ għall-Politika Komuni tas-Sajd u għall-politika marittima u għall-politika tal-akkwakultura tal-Unjoni

Or. en

Emenda 186
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd***,*** tal-akkwakultura ***u tal-komunitajiet*** kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i) tar-[Regolament*** SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi ***tas-setturi*** tas-sajd ***u*** tal-akkwakultura***, inklużi l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll il-komunitajiet*** kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(g) tar-***

Regolament (UE) …/… [***ir-Regolament*** SNR].

F'konformità mal-Artikoli 6 u 22 tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament SNR], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-kapitolu tal-FEMSA tal-Pjan SNR jitwettqu f'konformità mal-prinċipju tas-sħubija u l-governanza f'diversi livelli u b'rispett sħiħ għall-kompetenzi istituzzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali awtoritajiet, f'konformità mal-oqfsa kostituzzjonali u amministrattivi rispettivi tagħhom, ikunu involuti b'mod effettiv fil-programmazzjoni, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-appoġġ skont il-Pjan SNR.

Or. en

Emenda 187
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura ***u tal-komunitajiet*** kostali u b'mod partikolari ***tas-sajd*** kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i)*** tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd ***kostali fuq skala żgħira kif definiti fl-Artikolu 2(2)(14) tar-Regolament UE 2021/1139, il-ħtieġa ta' tranżizzjoni lil hinn mill-irkapti rmunkati kif definit mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006,*** tal-akkwakultura ***riġenerattiva b'impronta tal-karbonju baxxa, b'rispett sħiħ tal-obbligi tal-benesseri tal-annimali, inklużi s-sistemi akkwaponiċi, il-komunitajiet*** kostali u b'mod partikolari ***s-sajd*** kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(g)(ii)*** tar-[Regolament

SNR].

Or. en

Emenda 188
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi ***tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari*** tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i)*** tar-[Regolament SNR].	1. Fil-pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd kostali fuq skala żgħira, f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(g)*** tar-[Regolament SNR]***, tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx u tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, u b'mod partikolari l-ħtieġa ta' appoġġ għal tranżizzjoni ġusta lejn sajd b'impatt baxx, b'mod partikolari t-tranżizzjoni lil hinn mill-irkaptu rmunkat kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, u l-ħtieġa ta' appoġġ għal attivitajiet marittimi u tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx***.

Or. en

Emenda 189
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i)*** tar-[Regolament SNR].	1. Fil-pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd ***u tas-sajjieda***, ***inkluż tat-tranżizzjoni soċjali tas-sajjieda u tal-ħaddiema fuq il-bastimenti, kif ukoll tat-tranżizzjoni lejn sajd b'impatt baxx, it-titjib tas-selettività tal-irkapti u l-qabdiet***

aċċessorji minimizzati, il-bżonnijiet tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali ***mhux mitmugħa, inkluża l-katina tal-valur tas-sajd rikreattiv,*** u b'mod partikolari ***s-sajd*** kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(g)*** tar-[Regolament SNR].

Or. en

Emenda 190
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR] ***filwaqt li jiżguraw li l-appoġġ jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni dwar in-newtralità klimatika, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, it-tniġġis żero, il-benesseri u l-protezzjoni ta' speċijiet tal-baħar vulnerabbli u protetti***.

Or. en

Emenda 191
Asger Christensen, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-

komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR].	komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR]. ***L-Istati Membri għandhom jallokaw ammont daqs jew ogħla mill-ammont li jkunu allokaw fil-programm tagħhom għall-implimentazzjoni tal-FEMSA għall-perjodu 2021-2027 f'termini reali biex jindirizzaw dawk il-bżonnijiet.***

Or. en

Emenda 192
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd***,*** tal-akkwakultura ***u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali*** fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i)*** tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom***, bi prijorità,*** iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd ***u*** tal-akkwakultura***, inklużi l-akkwakultura ta' livell trofiku baxx u s-sajd*** fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(g)(iii)*** tar-[Regolament SNR]***, kif ukoll l-attivitajiet u l-popolazzjoni kollha li jibbażaw fuq dawk l-attivitajiet, bħall-komunitajiet kostali jew ir-reġjuni ultraperiferiċi***.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 21 tal-abbozz ta' rapport.

Emenda 193
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-Pjan SNR*** tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura ***u*** tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2)(i) tar-[Regolament*** SNR].	1. ***Fil-Pjanijiet SNR rispettivi*** tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, ***inklużi s-sajd intern, l-ipproċessar*** tal-akkwakultura ***u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura,*** tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari ***dawk*** tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu ***22(2a), il-punt (g)(iii), tar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament*** SNR***].***

Or. en

Emenda 194
France Jamet, António Tânger Corrêa

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu ***b'mod partikolari*** l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd kostali fuq skala żgħira ***u tal-popolazzjoni li tgħix bis-saħħa tiegħu,*** f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR] ***kif ukoll mal-Artikolu 349 tat-TFUE dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi***.

Or. fr

Emenda 195
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd ***kostali*** fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR].	1. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-komunitajiet kostali u b'mod partikolari tas-sajd fuq skala żgħira f'konformità mal-Artikolu 22(2)(i) tar-[Regolament SNR].

Or. es

Emenda 196
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jikkonċentraw ir-riżorsi tal-fondi tal-Pjan SNR fuq ir-restawr tal-bijodiversità tal-baħar u f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament SNR jikkontribwixxu għall-miri skont ir-Regolament (UE) 2024/1991, dwar l-għeluq tal-lakuni fir-rigward tal-għarfien dwar l-oċeani, is-salvagwardja tal-wirt kulturali ta' taħt l-ilma, l-appoġġ effettiv għal setturi u industriji oħra tal-ekonomija blu biex jużaw soluzzjonijiet intelliġenti, kif ukoll jenħtieġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/EC[1a] u d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2a].
	[1a] Id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina
	[2a] Id-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu

Or. en

Emenda 197
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. B'rikonoxximent tad-dipendenza tas-sajd, tal-akkwakultura u ta' attivitajiet marittimi oħra fuq ekosistemi tal-baħar b'saħħithom, fil-Pjan SNR tagħhom l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jappoġġaw il-protezzjoni, ir-restawr u t-tisħiħ tar-riżorsi tal-baħar, l-ekosistemi u l-bijodiversità abbażi tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli.

Or. en

Emenda 198
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-bżonnijiet speċifiċi ta' protezzjoni tar-riżorsi tal-baħar, l-ekosistemi u l-bijodiversità abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u l-ħtieġa ta' tranżizzjoni lil hinn mill-użu ta' rkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-irkapti rmunkati spiss ikollhom qabdiet aċċessorji għoljin ta' speċijiet mhux fil-mira, żgħar u mhux mixtieqa inklużi speċijiet sensittivi, huma distruttivi għall-ekosistemi tal-baħar u jerġgħu jħalltu s-sedimenti tal-qiegħ meta jkunu qed imissu qiegħ il-baħar matul l-operazzjonijiet tas-sajd, filwaqt li l-bastimenti tas-sajd li jirmunkaw dawn l-irkapti jikkonsmaw aktar fjuwil.

Emenda 199
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-appoġġ mill-Fond għal miżuri strutturali biex ikopru l-kostijiet operazzjonali tal-enerġija tal-flotta tas-sajd fi żminijiet ta' kriżi fil-prezzijiet tal-fjuwil u ta' volatilità tas-suq, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attività tas-sajd.

Or. it

Emenda 200
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni u r-rekwiżiti amministrattivi jkunu proporzjonati u xierqa għaċ-ċirkostanzi tar-reġjuni, filwaqt li jipprevjenu piżijiet burokratiċi sproporzjonati għall-awtoritajiet reġjonali.

Or. pt

Emenda 201
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.	2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***, inkluż l-impatt fuq il-bijodiversità tal-baħar, l-ispeċijiet protetti, l-integrità ta' qiegħ il-baħar, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, il-benesseri tal-annimali, il-qabdiet aċċessorji u l-livelli ta' skartar***.

Or. en

Emenda 202
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri*** f'konformità ***mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament*** (UE) Nru 1380/2013.	2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd f'konformità ***mar-Regolament*** (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 203
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri*** f'konformità mal-Artikolu ***22(2)*** tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.	2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** f'konformità mal-Artikolu ***2*** tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 204
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fil-Pjan SNR*** tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri*** f'konformità mal-Artikolu ***22(2)*** tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.	2. ***Fil-Pjanijiet SNR rispettivi*** tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** f'konformità mal-Artikolu ***2*** tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 205
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati	2. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati

Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.	Membri għandhom iqisu l-kontribut għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tal-operazzjonijiet tas-sajd***, filwaqt li jaderixxu b'mod strett mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"*** u l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli kif irrappurtati kull sena mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 206
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Sħubija, l-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità mal-prinċipju tal-istabbiltà relattiva fl-allokazzjoni tar-riżorsi tal-Fond lir-reġjuni leġiżlattivi kkonċernati. Il-pakketti finanzjarji allokati għal kull reġjun leġiżlattiv fil-perjodu 2028-2034 ma jistgħux ikunu inqas minn dawk tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti korrispondenti, dment li r-reġjun leġiżlattiv ikkonċernat ma jkunx ta l-qbil espliċitu u motivat tiegħu u l-Kummissjoni ma tkunx tat l-approvazzjoni tagħha minn qabel. Kwalunkwe tnaqqis meta mqabbel mal-perjodu preċedenti għandu jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku mwettqa mill-Istat Membru u kkomunikata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. it

Emenda 207

Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-prinċipji ambjentali, il-prinċipji relatati mal-klima u prinċipji orizzontali oħra, inkluż il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", ma għandhomx jikkostitwixxu kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-operazzjonijiet fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura. L-appoġġ tal-Unjoni lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura ma għandux jitnaqqas, jiġi sospiż, jinżamm jew jiġi rkuprat minħabba li dawn l-objettivi jew prinċipji ma jkunux intlaħqu. L-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-politika komuni tas-sajd għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' dawk il-prinċipji.

Or. en

Emenda 208
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fil-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif beħsiebhom jappoġġaw l-iżvilupp tal-akkwakultura ta' speċijiet b'livell trofiku baxx bi prattiki li huma konsistenti mal-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/1991, fid-Direttiva 2008/56/KE u fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE.

Or. en

Emenda 209
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Artikolu 3f
	Pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura li huma affettwati minn sitwazzjonijiet ta' emerġenza eċċezzjonali bħal diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi, katastrofi jew sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi. Dawn il-pagamenti għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tas-sajd jew tal-akkwakultura jew ta' attivitajiet relatati u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu u speċifikati f'aktar dettall mill-Istati Membri.
	2. L-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-okkorrenza ta' sitwazzjoni ta' emerġenza eċċezzjonali bħal diżastru naturali, event klimatiku avvers, katastrofi jew sitwazzjoni ta' kriżi oħra, kif definita minn dak l-Istat Membru, u li l-okkorrenza ta' dik is-sitwazzjoni kkawżat tfixkil sinifikanti fl-aċċess għal, u l-provvista ta' u d-domanda għal, prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li fuqhom jibbażaw l-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 jew żieda sinifikanti fin-nefqa operatorja tagħhom bħala riżultat tal-okkorrenza tas-sitwazzjoni. B'mod partikolari, is-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu dan li ġej:
	a) waqfien temporanju tal-attivitajiet

skont il-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a), (b), (c), (i) u (j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew miżuri ta' konservazzjoni applikabbli ekwivalenti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

b) waqfien temporanju tal-attivitajiet skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

c) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità ta' pajjiż terz jew territorju mal-obbligi internazzjonali tiegħu jew tal-interruzzjoni tal-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali;

d) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat ta' speċi invażivi.

e) fir-rigward ta' attivitajiet estensivi tal-akkwakultura, il-predazzjoni mill-margun (Phalacrocorax carbo sinensis) fejn tirriżulta f'rata ta' sopravivenza ta' żgħar miżrugħa ta' inqas minn 60 %.

2. (a) Il-miżuri ta' emerġenza jinkludu b'mod espliċitu appoġġ għall-introjtu għall-ħaddiema fis-settur fil-każ ta' waqfien temporanju lil hinn mill-kontroll tal-impriża u tas-sajjied abbord, jew minħabba kriżijiet eċċezzjonali, l-iżgurar tal-kopertura ta' perjodi ta' inattività furzata u l-preżervazzjoni tal-impjiegi.

3. L-operaturi għandhom jitqiesu li jibbażaw fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura meta l-prodotti jew l-attivitajiet affettwati mis-sitwazzjoni jkunu ammontaw għal mill-inqas 30 % tal-attivitajiet kummerċjali annwali medji tagħhom matul il-perjodu ta' 3 snin preċedenti, jew ta' medja ta' 3 snin ibbażata fuq il-perjodu ta' 5 snin preċedenti, esklużi l-ogħla u l-inqas valuri.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-għajnuna applikabbli biex jikkumpensaw għat-telf fil-produzzjoni, l-introjtu mitluf jew il-

kostijiet addizzjonali mġarrba. Fejn xieraq, dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għas-sajjieda u l-produtturi tal-akkwakultura li jwettqu wkoll interventi jew miżuri preventivi oħra fil-livell tal-impriża tagħhom biex inaqqsu r-riskji relatati mal-produzzjoni u l-introjtu li għalihom tingħata l-għajnuna. L-indiċijiet jistgħu jintużaw biex jikkalkulaw it-telf fil-produzzjoni.

5. Meta jagħtu għajnuna skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed li jirriżulta mill-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' għajnuna nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata, u li l-kumpens ikun limitat biss għad-durata tas-sitwazzjoni.

Or. it

Emenda 210
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-appoġġ għas-sajjieda, għall-produtturi tal-akkwakultura u għall-benefiċjarji reġjonali jew lokali ma għandux jiġi sospiż, imnaqqas, miżmum jew irkuprat minħabba nuqqasijiet attribwiti lill-Istat Membru skont ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt jew skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, meta dawk ir-raġunijiet ma jkunux relatati mal-imġiba tal-benefiċjarju stess. Kwalunkwe miżura adottata skont dak ir-Regolament għandha tippreżerva l-intitolamenti tal-benefiċjarji finali fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.

Or. en

Emenda 211
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ***ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR.*** Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd ***kostali*** fuq skala żgħira, l-Istati Membri ***jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta'*** 100 %.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ***rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 50 % tan-nefqa eliġibbli totali tal-operazzjoni.*** Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd fuq skala żgħira, l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw b'mod prijoritarju rata ta' intensità tal-għajnuna ta'*** 100 %. ***Dan il-perċentwal ta' 100 % għandu japplika wkoll għal proġetti għat-tiġdid ġenerazzjonali, id-diġitalizzazzjoni, it-titjib tas-selettività, is-saħħa, is-sigurtà u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd, kif ukoll għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet tal-produtturi. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta u taċċetta rati massimi oħra ta' 100 % proposti mill-Istati Membri bħala derogi debitament ġustifikati, filwaqt li tieħu bħala referenza d-dispożizzjonijiet tal-FEMSA 2021-2027.***

Or. es

Emenda 212
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu*** fil-Pjan SNR tagħhom ***ir-rati***	3. L-Istati Membri għandhom ***japplikaw rata massima*** ta' intensità tal-

massimi ta' intensità tal-għajnuna ***għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR***. ***Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.***	għajnuna ***ta' 50 % tan-nefqa totali eliġibbli tal-operazzjoni***.

Or. en

Emenda 213
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' ***intensità tal-għajnuna għall-kategoriji*** differenti ***ta' operazzjonijiet*** appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. ***Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd*** kostali fuq skala żgħira, ***l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %***.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' ***appoġġ għall-miżuri*** differenti appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. ***L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Unjoni b'rata ta' appoġġ li tasal sa 100 %, inkluż b'mod partikolari appoġġ għas-sajd*** kostali fuq skala żgħira, ***is-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, il-miżuri ta' interess kollettiv jew miżuri bħal dawn li għandhom benefiċjarju kollettiv***.

Or. en

Emenda 214
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-

operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu ***rata ta' intensità tal-għajnuna ogħla milli għal kategoriji oħra ta' operazzjonijiet relatati mas-sajd, li jistgħu jilħqu*** rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. en

Emenda 215
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira ***u l-attivitajiet ta' diversifikazzjoni tal-impriżi tas-sajd***, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. it

Emenda 216
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq

skala żgħira, l-Istati Membri ***jistgħu*** jagħtu rata ***massima*** ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.	skala żgħira, l-Istati Membri ***għandhom*** jagħtu rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. en

Emenda 217
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata ***massima*** ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 %.

Or. pt

Emenda 218
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. ***Għall-operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata*** massima ta' intensità tal-għajnuna ***ta' 100 %***.	3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fil-Pjan SNR tagħhom ir-rati massimi ta' intensità tal-għajnuna għall-kategoriji differenti ta' operazzjonijiet appoġġati fil-qafas tal-Pjan SNR. ***Ir-rata*** massima ta' intensità tal-għajnuna ***ma għandhiex taqbeż il-50 % tan-nefqa totali eleġibbli tal-operazzjoni***.

Emenda 219
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Artikolu 3a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	1) "sajd kostali fuq skala żgħira": attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:
	a) bastimenti tas-sajd li jissodisfaw mill-inqas tlieta mill-kriterji li ġejjin:
	(i) it-tul totali tagħhom ma jaqbiżx it-12-il metru;
	(ii) ikunu joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali tal-Istat tal-bandiera;
	(iii) il-vjaġġi tagħhom idumu inqas minn 24 siegħa, mill-ħin tat-tluq mill-port sal-ħin tar-ritorn lejn il-port;
	(iv) l-ekwipaġġ tagħhom ma jikkonsistix minn aktar minn erba' persuni;
	(v) jużaw tagħmir tas-sajd selettiv b'impatt ambjentali baxx;
	b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	2) "sajjied": kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat inkluż sajjieda bil-mixi, bħal dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra;
	3) "sajd": kwalunkwe persuna fiżika li tinvolvi ruħha f'attivitajiet tas-sajd kummerċjali, kif rikonoxxut mill-Istat Membru;

4) "ekonomija blu sostenibbli": l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u transsettorjali kollha fis-suq intern kollu relatati mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi s-setturi emerġenti u l-oġġetti u s-servizzi mhux tas-suq, li jiżguraw is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika fit-tul u li huma konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;

5) "politika marittima": politika tal-Unjoni li għandha l-għan li trawwem teħid ta' deċiżjonijiet integrat u koerenti biex jiġu massimizzati l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari taż-żoni kostali u insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi, u tas-setturi tal-ekonomija blu sostenibbli, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti;

6) "sigurtà u sorveljanza marittima": l-attivitajiet imwettqa biex jinftiehmu, jiġu pprevenuti kull fejn ikun applikabbli u ġestiti b'mod komprensiv l-avvenimenti u l-azzjonijiet kollha relatati mad-dominju marittimu li jkollhom impatt fuq l-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infurzar tal-liġi, id-difiża, il-kontroll tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontroll tas-sajd, il-kummerċ u l-interess ekonomiku tal-Unjoni;

7) "network Ewropew ta' osservazzjoni u data marittima" jew "EMODnet": sħubija li toffri data tal-baħar ta' kwalità assigurata, interoperabbli u armonizzata, billi tiġbor flimkien id-data u l-metadata tal-baħar biex dawn ir-riżorsi frammentati jkunu aktar disponibbli għall-utenti pubbliċi u privati u jkunu jistgħu jintużaw aktar;

8) "ippjanar tal-ispazju marittimu"; proċess li bih l-awtoritajiet rilevanti tal-

Istat Membru janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar biex jintlaħqu l-objettivi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali;

9) "osservazzjoni tal-oċeani" il-pedament tal-għarfien kollu dwar il-baħar. Din tifforma l-bażi tal-fehim tal-ekosistemi tal-baħar u l-fatturi li jinfluwenzawhom. Hija tipprovdi data kritika għall-previżjonijiet meteoroloġiċi, l-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima, il-monitoraġġ ta' avvenimenti estremi, is-sigurtà ċivili (il-kundizzjoni tal-baħar, l-għargħar), it-tbaħħir marittimu, l-enerġija lil hinn mill-kosta, is-sajd u l-akkwakultura u dejjem aktar is-sigurtà u d-difiża. Hija toħloq il-pedament għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u tipprovdi informazzjoni kruċjali dwar kif l-attivitajiet tal-bniedem jinfluwenzaw is-saħħa tal-oċeani u liema servizzi l-oċean jipprovdi lis-soċjetajiet.

10) "akkwakultura estensiva" sistema għat-trobbija ta' organiżmi akkwatiċi kkaratterizzata minn densità baxxa ta' ħżin, in-nuqqas jew iż-żieda minima ta' għalf artifiċjali u l-użu primarjament tar-riżorsi naturali tal-ekosistema — inklużi l-fitoplankton, iż-żooplankton u n-nutrijenti preżenti fl-ambjent — għat-tkabbir tal-organiżmi mrobbija; dik is-sistema tinkludi, fost l-oħrajn, it-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra f'ilmijiet miftuħa, widien tradizzjonali, it-trobbija tal-ħut fil-laguna u forom oħra ta' trobbija integrati fl-ekosistema naturali, imwettqa b'tali mod li jippreżervaw jew itejbu l-istatus ekoloġiku tal-ambjent akkwatiku u li jikkontribwixxu għall-forniment ta' servizzi tal-ekosistema, inkluż is-sekwestru tal-karbonju u l-kultivazzjoni karbonika u ż-żamma tal-bijodiversità.

Or. it

Emenda 220
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Permezz tal-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom:
	(a) jużaw 50 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għall-appoġġ għal prattiki tas-sajd sostenibbli u għal sajjieda kostali fuq skala żgħira, inkluż iżda mhux limitat għal:
	i) assistenza teknika suffiċjenti biex jiġu appoġġati proċeduri simplifikati għall-għoti u għall-aċċess għall-għajnuna lis-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew;
	ii) skemi ta' għajnuna biex jiġu żgurati u appoġġati rappreżentanza u rappreżentattività akbar tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew;
	iii) skemi ta' għajnuna li jappoġġaw it-tranżizzjoni lil hinn mill-irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, u l-użu ta' rkaptu selettiv biex jiġu minimizzati l-qabdiet aċċessorji, billi jadattaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-bastiment u t-taħriġ assoċjat tas-sajjieda b'enfasi speċifika fuq l-impatti ekoloġiċi;
	iv) appoġġ għat-taħriġ tas-sajjieda lejn opportunitajiet ġodda ta' impjieg sostenibbli barra mill-attivitajiet tas-sajd;
	v) skemi ta' għajnuna biex iħeġġu lill-konsumaturi jiffavorixxu x-xiri ta' prodotti tal-frott tal-baħar minn sajjieda kostali fuq skala żgħira b'impatt baxx tal-UE, inkluż permezz ta' kampanji ta' reklamar, inizjattivi biex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar dwar is-sors u l-

impatti ekoloġiċi tal-prodotti tal-frott tal-baħar, tikkettar speċifiku ta' prodotti miksub minn sajjieda kostali fuq skala żgħira tal-UE, jew inizjattivi oħra;

vi) skemi ta' għajnuna esklużivament għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira biex jappoġġaw mudelli ta' negozju innovattivi, inklużi skemi diretti lejn il-konsumaturi, skemi ta' kummerċ ġust, ktajjen tal-valur lokali, ktajjen tal-provvista qosra u swieq għal speċijiet lokali jew mhux utilizzati biżżejjed;

vii) skemi ta' għajnuna għas-swali tal-irkant tal-ħut biex jikkumpensaw għal volumi ta' qbid temporanjament aktar baxxi li jirriżultaw mill-adattament tal-kapaċità tas-sajd għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli jew li jirriżultaw mit-tranżizzjoni tal-flotta tas-sajd minn irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006;

viii) appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-magni tal-bastimenti tas-sajd,

b) użu ta' 50 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għall-protezzjoni u r-restawr tar-riżorsi tal-baħar, l-ekosistemi u l-bijodiversità abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli u b'mod partikolari jipprovdu benefiċċji fit-tul għall-ambjent tal-baħar, inkluż iżda mhux limitat għal:

(i) appoġġ għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi u t-taħriġ assoċjat tas-sajjieda;

(ii) appoġġ għall-ġestjoni, il-kontroll u l-infurzar ta' miżuri effettivi ta' ġestjoni spazjali bħal żoni ta' Natura 2000, miżuri stabbiliti skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/CE, miżuri stabbiliti skont l-Artikolu 8 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, miżuri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1991, jew miżuri simili adottati fil-livell nazzjonali;

(iii) appoġġ lis-sajjieda kostali u rikreattivi fuq skala żgħira involuti fil-ġestjoni, il-protezzjoni u r-restawr taż-żoni tal-baħar u dawk kostali;

(iv) appoġġ lis-sidien jew lill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jużawx irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 għal miżuri li jtejbu s-selettività tal-irkapti tas-sajd, jimminimizzaw il-qabdiet aċċessorji u l-impatti tagħhom fuq l-ambjent u l-ekosistemi tal-baħar;

(v) appoġġ għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-użu ta' miżuri li għandhom l-għan li jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi tas-sajd tal-baħar, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu u jeliminaw il-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi għall-bastimenti tas-sajd;

(vi) appoġġ lill-operaturi għall-ġbir ta' rkapti tas-sajd mitluf u skart tal-baħar matul operazzjonijiet regolari tas-sajd;

(vii) appoġġ għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data għat-trawwim ta' monitoraġġ, kontroll u infurzar effiċjenti tas-sajd, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat;

(viii) appoġġ għal miżuri biex jittejbu l-ġbir tad-data u l-monitoraġġ ta' speċijiet sensittivi, inkluża l-installazzjoni ta' sistemi ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM) għall-monitoraġġ tal-qabdiet aċċessorji.

Or. en

Emenda 221
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħtu rata massima ta' intensità tal-għajnuna ta' 100 % għal operazzjonijiet relatati ma':
	(a) is-sajd kostali fuq skala żgħira;
	(b) is-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi;
	(c) it-titjib tas-selettività;
	(d) it-titjib tal-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd, tas-swali tal-irkant, tal-postijiet ta' ħatt l-art u ta' postijiet ta' kenn sabiex jiġu ffaċilitati ħatt l-art u l-ħżin ta' qabdiet mhux mixtieqa;
	(e) l-iffaċilitar tal-kummerċjalizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa li jiġu żbarkati minn stokkijiet kummerċjali, f'konformità mal-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013;
	(f) it-tijib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd;
	(g) il-kontroll u l-infurzar;
	(h) il-kumpens għall-kostijiet addizzjonali jew għall-introjtu mitluf u kumpens ieħor previst skont dan ir-Regolament;
	(i) il-ġbir, il-ġestjoni,l-użu u l-ipproċessar ta' data fis-settur tas-sajd, u l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni;
	(j) il-protezzjoni u l-irkuprar tal-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi;
	(k) it-tfassil, l-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni jew il-ġestjoni ta' sistemi trasparenti għall-iskambju tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
	(l) l-azzjonijiet implimentati minn gruppi ta' azzjoni lokali mmexxija mill-komunità;
	(m) l-operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet

tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali;

(n) l-operazzjonijiet li jappoġġaw prodotti, proċessi jew tagħmir innovattivi fis-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar.

Or. en

Emenda 222
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga mill-paragrafu 3, għall-kategoriji ta' operazzjonijiet li ġejjin għandha tapplika intensità massima ta' għajnuna differenti:
	L-operazzjonijiet li ġejjin li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013:
	— operazzjonijiet li jtejbu s-selettività tad-daqs jew tal-ispeċi tal-irkaptu tas-sajd; 100 %
	— operazzjonijiet li jtejbu l-infrastruttura tal-portijiet tas-sajd, tas-swali tal-irkant, tal-postijiet ta' ħatt l-art u ta' postijiet ta' kenn biex jiġu ffaċilitati l-ħatt l-art u l-ħżin ta' qabdiet mhux mixtieqa; 75 %
	— operazzjonijiet li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa li jiġu żbarkati minn stokkijiet kummerċjali, f'konformità mal-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013; 75 %
	Operazzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd: 75 %

Operazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi: 85 %

Operazzjonijiet relatati mas-sajd kostali fuq skala żgħira: 100 %

Operazzjonijiet relatati mal-kumpens: 100 %

Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta' produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali: 75 %

Operazzjonijiet li jappoġġaw l-akkwakultura sostenibbli implimentati mill-SMEs: 60 %

Operazzjonijiet li jappoġġaw prodotti, proċessi jew tagħmir innovattivi fis-sajd, fl-akkwakultura u fl-ipproċessar: 75 %

Operazzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet ta' sajjieda jew benefiċjarji kollettivi oħra: 60 %

Or. en

Emenda 223
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jimplimentaw skema ta' kumpens obbligatorja ddedikata għall-waqfien permanenti progressiv tal-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE b'tul totali ta' aktar minn 33 metru.
	Sal-1 ta' Jannar 2035, l-iskemi għall-waqfien permanenti obbligatorju għandhom jitlestew, u l-bastimenti tas-sajd kollha tal-UE ta' tul totali ta' aktar minn 33 metru għandhom jiġu skrappjati, dekummissjonati jew modifikati retroattivament għal attivitajiet għajr is-

sajd kummerċjali. Il-waqfien permanenti għandu jinkiseb f'konformità mal-Artikolu 22(5) u (6) tar-Regolament 1380/2013, il-miżuri għal tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema affettwati għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri, u l-opportunitajiet tas-sajd ta' dawk il-bastimenti għandhom jiġu distribwiti mill-ġdid abbażi ta' kriterji ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, f'konformità mal-Artikolu 17 tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Or. en

Emenda 224
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw proċeduri ta' pproċessar simplifikati u aġli b'piż amministrattiv imnaqqas għal dawk il-proġetti b'valur ta' inqas minn EUR 150 000. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-fondi, il-kostijiet għall-assistenza teknika, għat-tħejjija ta' applikazzjonijiet u għall-ġestjoni amministrattiva li jġarrbu l-operaturi tas-sajd fuq skala żgħira biex jaċċessaw din l-għajnuna għandu jkollhom intensità ta' sussidji ta' 100 % u għandhom jitqiesu bħala kostijiet eliġibbli.

Or. es

Emenda 225
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-pjanijiet SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkludu miri u indikaturi li jistgħu jitkejlu dwar il-kontribut tal-appoġġ għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità tal-baħar, it-tnaqqis tal-qabdiet aċċessorji u tal-iskartar, it-tnaqqis tat-tniġġis, il-protezzjoni ta' speċijiet vulnerabbli u protetti, u t-titjib tal-benesseri tal-annimali fl-akkwakultura u fis-sajd.

Or. en

Emenda 226
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu fil-Pjan SNR tagħhom li jiżguraw li l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi fuq skala żgħira jkunu jistgħu jaċċessaw assistenza teknika, gwida prattika u prefinanzjament, b'rekwiżiti amministrattivi proporzjonati u simplifikati xierqa għall-iskala tal-appoġġ, biex joperazzjonalizzaw u jimplimentaw il-Pjanijiet ta' Produzzjoni u Kummerċjalizzazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 227
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Fond għandu jappoġġa wkoll is-sorveljanza, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, ir-riċerka xjentifika u l-protezzjoni tal-interessi nazzjonali u s-sikurezza tal-operazzjonijiet fiż-żoni protetti tal-baħar u ż-żoni ekonomiċi esklużivi (ŻEE) tal-Istati Membri.

Or. it

Emenda 228
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-prijorità tal-Patt għall-Oċeani li tiġi protetta u rrestawrata s-saħħa tal-oċeani, u b'mod partikolari dawk li jappoġġaw il-mira tal-ekosistema tal-baħar u l-miżuri implimentati skont ir-Regolament (UE) 2024/1991 jistgħu jiġu appoġġati b'rata sa 100 % tal-kost eliġibbli totali.

Or. en

Emenda 229
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-appoġġ tal-Unjoni lill-akkwakultura għandu jkun konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp tal-akkwakultura, imsemmija fl-Artikolu

34(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 230
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Fit-tħejjija tal-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom:
	(a) jallokaw 50 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għall-appoġġ lis-sajjieda kostali fuq skala żgħira u l-ħtieġa ta' tranżizzjoni ġusta lejn sajd b'impatt baxx, inklużi t-tranżizzjoni enerġetika u t-tranżizzjoni mill-użu ta' rkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, inklużi iżda mhux limitat għal:
	i) assistenza teknika suffiċjenti biex jiġu appoġġati proċeduri simplifikati għall-għoti u għall-aċċess għall-għajnuna lis-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew;
	ii) skemi ta' għajnuna biex jiġu żgurati u appoġġati rappreżentanza u rappreżentattività akbar tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, inkluż appoġġ għall-formazzjoni u għall-għoti ta' riżorsi lil kunsill konsultattiv tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira;
	iii) skemi ta' għajnuna li jappoġġaw it-tranżizzjoni lil hinn mill-irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 billi jadattaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-bastiment u

t-taħriġ assoċjat tas-sajjieda b'enfasi speċifika fuq l-impatti ekoloġiċi u l-integrazzjoni tal-għarfien lokali indiġenu tas-sajjieda;

iv) appoġġ għat-taħriġ tas-sajjieda lejn opportunitajiet ġodda ta' impjieg sostenibbli barra mill-attivitajiet tas-sajd, u/jew b'mod komplementarji magħhom;

v) skemi ta' għajnuna biex jassistu jew iħeġġu lill-konsumaturi jidentifikaw u jiffavorixxu x-xiri ta' prodotti tal-frott tal-baħar minn sajjieda kostali fuq skala żgħira tal-UE, inkluż permezz ta' kampanji ta' reklamar, inizjattivi biex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar dwar is-sors u l-impatti ekoloġiċi tal-prodotti tal-frott tal-baħar, tikkettar speċifiku ta' prodotti miksub minn sajjieda kostali fuq skala żgħira tal-UE, jew inizjattivi oħra;

vi) skemi ta' għajnuna esklużivament għas-sajjieda kostali fuq skala żgħira biex jappoġġaw mudelli ta' negozju u infrastruttura relatata innovattivi, inklużi skemi diretti lejn il-konsumaturi, skemi ta' kummerċ ġust, ktajjen tal-valur lokali, ktajjen tal-provvista qosra u swieq għal speċijiet lokali, mhux utilizzati biżżejjed jew invażivi;

vii) skemi ta' għajnuna għas-swali tal-irkant tal-ħut (inklużi l-kooperattivi tas-sajd lokali) biex jikkumpensaw għal volumi ta' qbid temporanjament aktar baxxi li jirriżultaw mill-adattament tal-kapaċità tas-sajd għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli jew li jirriżultaw mit-tranżizzjoni tal-flotta tas-sajd minn irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006;

viii) appoġġ għat-tranżizzjoni enerġetika u għad-dekarbonizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li ma jużawx irkapti rmunkati kif definit mill-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006.

(b) allokazzjoni ta' 50 % tal-appoġġ

finanzjarju tal-Unjoni għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament biex jiġu appoġġati l-protezzjoni, ir-restawr u t-tisħiħ tar-riżorsi tal-baħar, l-ekosistemi u l-bijodiversità abbażi tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli inkluż l-appoġġ għal:

(i) ir-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi u tal-ekosistemi tal-baħar, inkluż it-taħriġ assoċjat għall-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

(ii) il-ġestjoni, il-kontroll u l-infurzar ta' miżuri effettivi ta' ġestjoni spazjali bħal żoni ta' Natura 2000, miżuri adottati skont id-Direttiva 2008/56/CE, ir-Regolament (UE) 2024/1991 u miżuri stabbiliti skont l-Artikoli 8 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew miżuri simili adottati fil-livell nazzjonali jew reġjonali;

(iii) sajjieda kostali fuq skala żgħira u produtturi tal-akkwakultura b'livell trofiku baxx li jikkontribwixxu għall-ġestjoni konġunta, il-protezzjoni u r-restawr taż-żoni tal-baħar u kostali;

(iv) miżuri effettivi ta' kontroll u infurzar tas-sajd, inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU, kif ukoll il-ġbir, il-ġestjoni, l-użu u l-ipproċessar tad-data biex jitrawmu monitoraġġ, kontroll u infurzar effiċjenti u effettivi tas-sajd u tiżdied id-data dwar l-ekosistemi tal-baħar;

(v) ġbir speċifiku tad-data u monitoraġġ ta' speċijiet sensittivi, inkluża l-installazzjoni ta' sistemi ta' Monitoraġġ Elettroniku mill-Bogħod (REM) għall-monitoraġġ tal-qabdiet aċċessorji;

(vi) miżuri li jtejbu s-selettività tal-irkapti tas-sajd, li jimminimizzaw u meta jkun possibbli jeliminaw il-qabdiet aċċessorji, inklużi l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet sensittivi, u li jnaqqsu l-impatti negattivi tal-irkapti tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u l-ekosistemi għall-bastimenti tas-sajd li ma jużawx irkapti rmunkati kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament tal-

Kunsill (KE) Nru 1967/2006;

Or. en

Emenda 231
Anna Maria Cisint

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Artikolu 3d
	Tipi ta' intervent taħt il-Politika Komuni tas-Sajd
	L-interventi taħt il-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	1) appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, il-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi marbuta mal-ħtiġijiet tas-sajd u l-akkwakultura, inkluż il-waqfien temporanju u permanenti, it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tiġdid tal-flotta u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll miżuri biex jittejbu s-sikurezza u l-kundizzjonijiet tal-għajxien abbord il-bastimenti;
	2) appoġġ għall-innovazzjoni fi prattiki tas-sajd aktar selettivi u għall-innovazzjoni għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;
	3) appoġġ għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS);
	4) appoġġ għas-sajjieda jew għall-produtturi tal-akkwakultura biex jikkumpensaw lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għat-telf ta' introjtu jew għall-kostijiet addizzjonali tagħhom, u kumpens għal organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li jaħżnu

l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawn il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament;

5) appoġġ għas-sajjieda u għall-produtturi tal-akkwakultura li jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi bħal dawk ikkawżati minn speċi invażivi u predaturi protetti;

6) appoġġ għas-settur tal-mili f'laned u tal-ipproċessar;

7) appoġġ għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, b'mod partikolari l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd (FLAGs);

8) appoġġ għal attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni biex jiġi promoss il-konsum ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

9) L-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija jrid jingħata bħala prijorità lill-modernizzazzjoni tal-flotta eżistenti u lis-sikurezza tal-ħaddiema, filwaqt li jiġi żgurat li l-kostijiet tal-investiment ikunu kompletament sostenibbli, b'mod partikolari minn intrapriżi tas-sajd fuq skala żgħira;

10) appoġġ għal attivitajiet estensivi tal-akkwakultura li jikkontribwixxu għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju. Dan l-appoġġ għandu jiġi kkalkulat abbażi taż-żona użata għall-produzzjoni estensiva, espressa f'ettari li jirrispettaw metodoloġiji xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment għall-kwantifikazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura estensiva, inkluż is-sekwestru tal-karbonju blu. Fil-pjanijiet ta' sħubija tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu miżuri speċifiċi ta' pagament għal kull ettaru għall-operaturi tal-akkwakultura estensivi li jiddokumentaw u jżommu l-funzjonijiet ta' ħżin temporanju jew permanenti tal-faċilitajiet tagħhom.

Or. it

Emenda 232
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli għandu jkun konsistenti mal-objettivi tal-PKS kif stabbiliti fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Or. en

Emenda 233
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Bħala parti mill-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri għandhom iħejju pjan ta' azzjoni għas-sajd kostali artiġjanali li għandu jistabbilixxi l-istrateġija għall-iżvilupp ta' sajd kostali artiġjanali ekwu, reżiljenti, sostenibbli u li jrendi l-profitti.
	Din l-istrateġija għandha tinkludi, fost l-oħrajn, meta jkun applikabbli:
	(a) gwida prattika għall-għoti u għall-aċċess għall-għajnuna lis-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew;
	(b)il-promozzjoni ta' prattiki tas-sajd b'impatt żgħir, reżiljenti għat-tibdil fil-klima u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara għall-ambjent tal-baħar;

(c)it-tisħiħ tal-katina tal-valur tas-settur u l-promozzjoni ta' strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni;

(d)il-promozzjoni tal-ħiliet, tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-bini ta' kapaċitajiet;

(e)it-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd;

(f)aktar konformità mar-rekwiżiti tal-ġbir ta' data, tat-traċċabbiltà; tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza;

(g)l-involviment fil-ġestjoni konġunta tal-ispazju marittimu, inklużi żoni riżervati ddedikati għas-sajd kostali fuq skala żgħira b'impatt baxx fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku, sostnut minn reġimi ta' ġestjoni konġunta.

(h) id-diversifikazzjoni tal-attivitajiet fl-ekonomija blu sostenibbli, riġenerattiva u ekwa usa';

(i)l-organizzazzjoni kollettiva u l-parteċipazzjoni fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u ta' konsulenza, inklużi rappreżentanza u rappreżentattività akbar tas-sajjieda kostali fuq skala żgħira fil-livell lokali, nazzjonali u dak Ewropej;

Il-pjan ta' azzjoni għandu jqis il-Linji Gwida Volontarji tal-FAO għall-Iżgurar ta' Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira.

Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istrateġija msemmija f'dan il-paragrafu [3c], il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi stadji importanti u miri speċifiċi marbuta mal-indikaturi rilevanti stabbiliti skont [l-Anness 1 tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni].

Or. en

Emenda 234
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut taħt il-FEMSA jintegra perspettiva tal-ġeneru u li, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet appoġġati, tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol tan-nisa fis-settur tas-sajd kollu, kif ukoll għall-ħtiġijiet u għall-isfidi speċifiċi tagħhom. L-Istati Membri għandhom jispjegaw ukoll fil-Pjan SNR tagħhom kif l-interventi ffinanzjati huma mistennija li jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd u l-integrazzjoni ta' dawn l-objettivi, f'konformità mal-prinċipji 2 u 3 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti 5 u, meta jkun rilevanti, mal-istrateġija nazzjonali għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Or. en

Emenda 235
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	***imħassar***

(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008(30) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-PKS;

(b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inkluż fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament; jew

(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.

Għall-finijiet tal-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, Stat Membru għandu jipprovdi, wara talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Or. en

Emenda 236
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-	***imħassar***

Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:

(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008(30) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-PKS;

(b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inkluż fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament; jew

(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.

Or. en

Emenda 237
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun	***Ħlief f'każijiet debitament ġustifikati bbażati fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità u filwaqt li jiġi żgurat id-dritt għal rimedju,*** applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-

ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli ***u tal-politika agrikola komuni***) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti ***permezz ta' deċiżjoni finali*** li l-applikant ikkonċernat:

Or. es

Emenda 238
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien ***kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli)*** jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien ***iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat*** jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:

Or. en

Emenda 239
Asger Christensen, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu ***XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli)*** jekk ikun	Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu ***4a*** jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:

ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:

Or. en

Emenda 240
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit ***fl-att delegat kif imsemmi*** fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-Artikolu XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli) jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:

Or. en

Emenda 241
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu ***XX tar-Regolament XX [il-Fond SNR] (Sistema ta' kontroll għall-intendenza tal-azjendi agrikoli)*** jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:	Applikazzjoni għall-appoġġ sottomessa minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu ***4a*** jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat***, fir-rigward ta' kwistjonijiet rilevanti għall-appoġġ li tkun saret applikazzjoni għalih***:

Or. da

Emenda 242
Bert-Jan Ruissen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008(30) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-PKS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 243
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 42 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008(30) jew l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-PKS;	***imħassar***

Or. en

Emenda 244
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inkluż fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament; jew	***imħassar***

Or. en

Emenda 245
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.	***imħassar***

Or. en

Emenda 246
Sebastian Everding, Anja Hazekamp

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.	(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(31), ***jew ksur serju tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni dwar il-benesseri tal-annimali, il-protezzjoni tan-natura, l-ispeċijiet protetti,***

il-protezzjoni tal-ilma jew il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.

Or. en

Emenda 247
Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva ***2008/99/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]***, meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura***.	(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva ***(UE) 2024/1203***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva 2008/99/KE ġiet sostitwita mid-Direttiva (UE) 2024/1203.

Emenda 248
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva ***2008/99/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]***, meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura***.	(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva ***(UE) 2024/1203***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31]***.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex mifhum għaliex dan għandu jgħodd biss għall-akkwakultura. Dan ir-regolament huwa dwar attivitajiet oħra wkoll, u teoretikament jista' jkun hemm reati oħra li jistgħu jkunu marbuta ma' attività li hija appoġġjata taħt il-fond, pereżempju relatata maż-żarmar tal-bastimenti u d-Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali tirrikonoxxi tali reati ambjentali. Barra minn hekk, il-qasam ta' politika fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Prestazzjoni għandu l-isem "Sajd, akkwakultura u oċean", u jinkludi diversi oqsma ta' intervent, li l-ebda wieħed minnhom ma għandu l-isem "akkwakultura".

Emenda 249
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura**.**	(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet sottomessa għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura***; jew***

Or. en

Emenda 250
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ikun instab mill-awtorità kompetenti li wettaq frodi kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) 2021/1139.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk l-applikant ikun wettaq frodi fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, jew fil-kuntest tar-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura applikabbli bħalissa, ma għandux ikun eliġibbli għall-appoġġ għal perjodu ta' żmien determinat.

Emenda 251
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ikun wettaq ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar is-sajd jew leġiżlazzjoni relatata mal-oċeani li għandha l-għan li tipproteġi l-ekosistemi tal-baħar;

Or. en

Emenda 252
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) appoġġ għall-flotot tas-sajd jew għall-operaturi tas-sajd li jkunu nstabu mill-awtorità kompetenti li wettqu frodi kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371, fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jew tar-Regolament (UE) 2021/1139.

Or. en

Emenda 253
Nora Junco García

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sempliċi rapporti ta' spezzjoni jew proċedimenti ta' penali li jkunu għaddejjin ma għandhomx jissospendu b'mod kawtelatorju d-dritt ta' aċċess għall-għajnuna jew li wieħed jirċievi l-għajnuna, filwaqt li jiggarantixxu l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u ċ-ċertezza legali għall-operatur.

Or. es

Emenda 254
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-fini tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu, il-punti (a) sa (ca), l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom iqisu n-natura, il-gravità u r-ripetizzjoni ta' reat jew ksur minn bastiment jew operatur.

Or. en

Emenda 255
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Iċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli tal-Artikolu

22 tar-Regolament 1380/2013 dwar il-ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika tista' tikkostitwixxi frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2017/1371.

Or. en

Emenda 256
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, Stat Membru għandu jipprovdi, wara talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu tal-ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.	***imħassar***

Or. en

Emenda 257
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-fini ta' applikazzjoni effettiva tal-ewwel subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, id-data li tinsab fir-reġistru nazzjonali tal-ksur għandha tinħażen għad-durata kollha tal-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament 1224/2009 jirrikjedi li d-data li tkun tinsab fir-reġistru nazzjonali ta' ksur għandha tinżamm biss għal kemm żmien ikun meħtieġ għall-fini ta' dak ir-Regolament, iżda dejjem għal minimu ta' tliet snin kalendarji, li jibdew mis-sena ta' wara dik li fiha tiġi rreġistrata l-informazzjoni. Madankollu, għall-fini ta' dan ir-Regolament, ikun utli li d-data tinħażen għal aktar żmien, b'mod partikolari f'każ ta' ksur serju, li jista' jagħmel l-għoti ta' appoġġ mill-fondi tal-UE imprudenti.

Emenda 258
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' awditjar, kemm abbażi tad-dokumenti kif ukoll fuq verifiki fuq il-post, fuq il-benefiċjarji, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi mill-Unjoni. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament mill-finanzjament tal-Unjoni, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, bl-għan li jiġi stabbilit tkunx twettqet frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja, deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jikkonċerna finanzjament tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 259
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Qorti tal-Awdituri, jew ir-rappreżentanti tagħhom, jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post fuq operazzjonijiet iffinanzjati minn dan ir-Regolament fi kwalunkwe ħin għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara li jkun sar il-pagament finali mill-Kummissjoni, bl-eċċezzjoni tal-waqfien permanenti b'intervent tal-attivitajiet tas-sajd fejn il-verifika tista' titwettaq għal perjodu ta' mhux aktar minn għaxar snin wara li jkun sar il-pagament finali, b'mod partikolari biex tiġi vvalutata l-konformità mar-regoli tal-Artikolu 22 tar-Regolament 1380/2013.

Or. en

Emenda 260
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-aċċess għall-finanzjament jibqa' sempliċi u proporzjonat għall-benefiċjarji kollha, u b'mod partikolari li r-rekwiżiti amministrattivi u ta' rapportar imposti fuq l-intrapriżi mikro u żgħar, kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, ma jaqbżux dawk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli għal dawk l-operaturi.

Or. fr

Emenda 261
Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' kontroll għall-politika komuni tas-sajd
	1. L-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
	a. Meta l-erja eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 70 tas-[SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu.
	b. Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri għandhom, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma jagħżlux lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.
	2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali, il-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, l-istandards tax-xogħol applikabbli, is-sajd u l-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel

paragrafu.

3. L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, meta jkun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

4. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE) XX [Politika Komuni tas-Sajd], l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat u applikazzjoni għall-appoġġ ippreżentata minn benefiċjarju għandha tkun inammissibbli għal perjodu ta' żmien speċifikat stabbilit skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun ġie ddeterminat permezz ta' deċiżjoni finali mill-awtorità kompetenti kkonċernata li l-benefiċjarju jkun wettaq frodi.

5. Meta jseħħ każ kif elenkat fl-Artikolu XX tar-Regolament (UE) XX [Politika Komuni tas-Sajd] bejn il-perjodu ta' applikazzjoni u l-ħames snin wara l-pagament finali, l-appoġġ imħallas lill-benefiċjarju għandu jiġi rkuprat. L-irkupru għandu jkun proporzjonat man-natura, il-gravità, id-durata u r-ripetizzjoni tal-ksur serju jew tar-reati mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju.

6. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri u l-effettività, il-proporzjonalità u l-irkupri ta' effetti dissważivi u l-inammissibbiltà msemmija fl-Artikolu XX tar-Regolament UE XX [il-Politika Komuni tas-Sajd], u fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 li jissupplimentaw dan ir-Regolament bl-

identifikazzjoni tal-limitu li jiskatta, u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà kif ukoll l-arranġamenti għall-irkupru tal-appoġġ mogħti, inklużi l-limiti li jiskattawh.

Or. en

Emenda 262
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Appoġġ għall-kontroll tas-sajd u għall-ġbir tad-data
	1. Skont il-Pjan SNR tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), u għall-ġbir, il-ġestjoni, l-użu u l-ipproċessar ta' data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-settur tas-sajd, kif previst fl-Artikolu 25(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u speċifikat aktar fir-Regolament (UE) 2017/1004, abbażi tal-pjanijiet ta' ħidma nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2017/1004.
	2. Tali appoġġ mill-Unjoni għandu jikkontribwixxi, b'mod partikolari, għal:
	(a) l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;
	(b) l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni sabiex tipprevjeni,

tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;

(c) l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2017/1004 li jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni, għall-użu u għall-ipproċessar ta' data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-settur tas-sajd;

(d) it-titjib tal-kwalità, tad-disponibbiltà u tal-puntwalità tad-data għall-ġestjoni tas-sajd, inkluż għall-valutazzjoni tal-istokk, għall-parir xjentifiku u għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza.

3. Il-FEMSA tista' tappoġġa wkoll programmi ta' riċerka u innovazzjoni tas-sajd u l-akkwakultura, kif previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

4. Mill-inqas 15 % tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni allokat għal kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), tar-Regolament UE …/… [Fond SNR] għandu jiġi allokat fil-Pjan SNR għall-objettiv speċifiku msemmi fil-paragrafu 1. L-Istati Membri li ma għandhomx aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni jistgħu japplikaw perċentwal aktar baxx fir-rigward tal-firxa tal-kompiti tagħhom ta' kontroll u ġbir ta' data.

Or. en

Emenda 263
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Għajnuna mill-Istat
	1. Ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) għandhom japplikaw għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.

2. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti lil impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura magħmula mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament SNR], u f'konformità magħhom, u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.3. Fir-rigward tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, bl-għan li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi f'dawk ir-reġjuni bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità, id-daqs żgħir jew il-qagħda mbiegħda estrema tagħhom.

4. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament SNR]. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità mar-Regolament (UE) …/… [ir-Regolament SNR] bħala parti mill-Pjanijiet SNR tagħhom. Tali għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

Or. en

Emenda 264
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd
	1. L-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	(a) l-appoġġ għas-sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi;
	(b) l-appoġġ għat-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u tal-akkwakultura, id-dekarbonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta;
	(c) l-appoġġ għall-azzjonijiet li jtejbu l-ħiliet, is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord;
	(d) l-appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd u rkaptu tas-sajd aktar selettivi;
	(e) l-appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS), inklużi l-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar tal-ħut;
	(f) l-appoġġ għat-tisħiħ tal-attraenza soċjoekonomika u t-tiġdid ġenerazzjonali tas-settur tas-sajd, inkluża l-edukazzjoni dwar is-sajd;
	(g) l-appoġġ lis-sajjieda jew lill-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom jew għall-kostijiet addizzjonali u l-kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-

Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.

2. Il-finanzjament użat għall-kontroll tas-sajd, għall-ġbir tad-data, għall-parir xjentifiku u l-assistenza teknika ma għandux jittieħed mill-ammont delimitat b'ġestjoni kondiviża.

Or. en

Emenda 265
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Tipi ta' intervent taħt il-Politika Komuni tas-Sajd
	L-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	(a) l-appoġġ għas-sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, bħall-appoġġ għall-monitoraġġ u r-riċerka tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar sabiex tittejjeb il-valutazzjoni tal-istokkijiet għad-deċiżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, it-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u tal-akkwakultura kif ukoll azzjonijiet li jtejbu s-sikurezza;
	(b) l-appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar selettivi u għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi, inkluż appoġġ għall-kontrolli u tal-ġbir tad-data;
	(c) l-appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS);
	(d) l-appoġġ lis-sajjieda jew lill-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf tagħhom jew għal kostijiet addizzjonali u

kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament;

Or. en

Emenda 266
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Definizzjonijiet
	(1) "sajd kostali fuq skala żgħira": attivitajiet tas-sajd imwettqa minn:
	(...)
	b) sajjieda bil-mixi, inklużi dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra u l-pjanti tal-baħar
	(...)
	(4) "ekonomija blu sostenibbli" tfisser l-attivitajiet ekonomiċi settorjali u intersettorjali kollha fis-suq uniku kollu marbuta mal-oċeani, l-ibħra, il-kosti u l-ilmijiet interni, li jkopru r-reġjuni insulari u ultraperiferiċi tal-Unjoni u l-pajjiżi mingħajr kosta, inklużi l-akkwakultura ta' livell trofiku baxx, is-setturi emerġenti u prodotti u servizzi mhux tas-suq, li jiggarantixxu s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali fit-tul u li jkunu konsistenti mal-SDGs, u b'mod partikolari l-SDG 14, u mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni;
	(...)

(8) "ippjanar tal-ispazju marittimu": proċess mibdi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni stretta mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, li bih janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet tal-bniedem f'żoni tal-baħar, biex jintlaħqu l-objettivi ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi;

(...)

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 26 tal-abbozz ta' rapport

Emenda 267
Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Tipi ta' intervent taħt il-Politika Komuni tas-Sajd
	L-interventi tal-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	(a) l-appoġġ għas-sajd sostenibbli u r-restawr u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi akkwatiċi, it-tranżizzjoni enerġetika tas-sajd u l-akkwakultura kif ukoll azzjonijiet li jtejbu s-sikurezza;
	(b) l-appoġġ għall-innovazzjoni għal attivitajiet tas-sajd aktar selettivi u għall-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi akkwatiċi;
	(c) l-appoġġ għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS);
	(d) l-appoġġ għas-sajjieda jew il-produtturi tal-akkwakultura għall-kumpens lill-operaturi tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għall-introjtu mitluf

tagħhom jew għal kostijiet addizzjonali u kumpens lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti u lill-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jaħżnu l-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, dment li dawk il-prodotti jinħażnu f'konformità mal-Artikoli 30 u 31 ta' dak ir-Regolament.

Or. en

Emenda 268
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Definizzjonijiet
	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
	(1) is-sajd artiġjanali fir-reġjuni ultraperiferiċi jfisser sajd kummerċjali, tradizzjonali u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, b'impatt baxx fuq l-istokkijiet tal-ħut u dipendenza qawwija fuq il-komunitajiet kostali. Dan jista' jiġi pprattikat: abbord bastiment (irreġistrat fir-reġjuni ultraperiferiċi), jew bil-mixi mill-kosta, permezz ta' rkaptu tas-sajd artiġjanali u selettiv.
	***(2) Osservazzjoni tal-oċeani tfisser il-ġbir u l-analiżi sistematiċi ta' data dwar l-ekosistemi tal-baħar, inkluż il-baħar fond, li jiffurmaw il-bażi tal-għarfien xjentifiku tal-oċeani. Din tipprovdi informazzjoni essenzjali għat-tbassir tat-temp, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, il-protezzjoni ċivili, is-sajd, l-akkwakultura, l-enerġija lil hinn mill-**

kosta, is-sigurtà u d-difiża, filwaqt li tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza.

Or. pt

Emenda 269
Francisco José Millán Mon

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Tiġdid tal-flotta u tunnellaġġ gross ta' bastiment tas-sajd biex jittejbu s-saħħa, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza enerġetika jew il-kwalità tal-qabdiet
	1. Jista' jingħata appoġġ għat-tiġdid tal-flotta u għal operazzjonijiet li jtejbu s-saħħa, is-sikurezza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-effiċjenza enerġetika jew il-kwalità tal-qabdiet.
	2. Għall-finijiet tal-kejl tal-kapaċità tas-sajd, it-tunnellaġġ gross attribwibbli direttament għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa, tas-sikurezza u tax-xogħol, għall-effiċjenza enerġetika jew għall-kwalità tal-qabdiet ma għandux jitqies.
	3. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jitqies li jikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti".

Or. en

Emenda 270
Asger Christensen, Emma Wiesner, Oihane Agirregoitia Martínez

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Pagamenti ta' kriżi għas-sajd u akkwakultura wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi
	1. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu pagamenti ta' kriżi lill-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura u lill-produtturi tal-akkwakultura li jkunu affettwati minn diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi jew eventi katastrofiċi. Dawk il-pagamenti għandu jkollhom l-għan li jiżguraw il-kontinwità tal-attività ta' dawk l-operaturi u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u kif speċifikat aktar mill-Istati Membri.
	2. L-appoġġ skont dan l-Artikolu għandu jkun soġġett għar-rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun seħħ diżastru naturali, avveniment klimatiku avvers jew avveniment katastrofiku, kif definit mill-Istat Membru, u li dawn l-avvenimenti jkunu kkawżaw direttament ħsara li tirriżulta fit-tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-produzzjoni annwali medja tal-operatur fil-perjodu preċedenti ta' tliet snin jew medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, esklużi l-ogħla entrata u dik l-aktar baxxa.
	3. It-telf għandu jiġi kkalkulat jew fil-livell tal-bastiment tas-sajd jew tas-sit operazzjonali tal-akkwakultura, fil-livell tal-attività fis-settur ikkonċernat jew fir-rigward taż-żona speċifika kkonċernata.
	4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tal-appoġġ applikabbli għall-kumpens f'każ ta' telf fil-produzzjoni. Dawk ir-rati għandhom ikunu ogħla għall-operaturi li jimplimentaw ukoll interventi, jew azzjonijiet preventivi oħra fil-livell tal-unità operazzjonali, biex inaqqsu l-livell tar-riskji għall-produzzjoni u għall-introjtu li għalihom jingħata l-appoġġ. L-

indiċijiet jistgħu jintużaw għall-kalkolu tat-telf fil-produzzjoni.

5. Meta jagħtu appoġġ skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi evitat kumpens żejjed bħala riżultat tal-kombinazzjoni ta' dan l-appoġġ ma' strumenti oħra ta' appoġġ nazzjonali jew tal-Unjoni jew skemi ta' assigurazzjoni privata. Artikolu 3d għajnuna mill-Istat [IE1]

6. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE għandhom japplikaw għall-appoġġ skont dan ir-Regolament fir-rigward tat-tipi ta' interventi stabbiliti f'dan ir-Regolament jew għall-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni;

7. L-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għall-appoġġ imħallas mill-Istati Membri skont ir-Regolament, u f'konformità miegħu, u għall-kontribuzzjoni nazzjonali għall-kostijiet eliġibbli pprovduta mill-Istati Membri għal għajnuna mogħtija mill-Istati Membri lil impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni, li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 tat-TFUE.

8. Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura koperti mill-Anness I tat-TFUE, li għalihom japplikaw l-Artikoli 107, 108 u 109 tiegħu, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, f'konformità mal-Artikolu 108 tat-TFUE, għajnuna operatorja fis-setturi li jipproduċu, jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti, bl-għan li jitnaqqsu r-restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-produzzjoni tal-biedja, tas-sajd u tal-akkwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità, id-daqs żgħir u l-qagħda mbiegħda estrema tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni ta'

interventi fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-gżejjer minuri tal-Eġew skont dan ir-Regolament. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-finanzjament addizzjonali lill-Kummissjoni u l-Kummissjoni tista' tapprovah f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-Pjanijiet. Għalhekk, l-għajnuna nnotifikata għandha titqies bħala notifikata skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

9. B'deroga mill-Artikolu 211 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006[1a], l-Artikoli 107, 108 u 109 tat-TFUE ma għandhomx japplikaw għal pagamenti li jappoġġaw il-produzzjoni agrikola lokali u arranġamenti speċifiċi ta' provvista magħmula mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.

[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ fi, prodotti agrikoli (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1184/oj).

Or. en

Emenda 271
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Kundizzjonalità tar-riformi u ambitu tal-azzjonijiet settorjali

Ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull politika settorjali għandhom japplikaw biss għall-miżuri inklużi fil-kapitolu li jikkorrispondi għal dik il-politika. Ma għandhom jiġu estiżi fl-ebda ċirkostanza għal miżuri f'oqsma oħra. Il-finanzjament tal-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża jista' jkun biss kundizzjonali fuq it-twettiq ta' stadji importanti u objettivi marbuta ma' riformi speċifiċi fil-livell nazzjonali, dment li jintwera li tali riformi huma proporzjonati, ikkalibrati sew, għandhom rabta diretta u dimostrabbli mal-objettivi tal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u huma stabbiliti fil-livell xieraq ta' kompetenza. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li d-deċiżjonijiet dwar l-eliġibbiltà tal-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, jiġu kkomunikati fi żmien 60 jum tax-xogħol wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni kompluta.

L-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll benefiċjarji oħra, ma għandhomx jiġu penalizzati, il-finanzjament tagħhom ma għandux jiġi sospiż jew imnaqqas, u ma għandhomx jinżammu responsabbli għan-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' riformi li jaqgħu esklużivament fil-livell nazzjonali u ma jaqgħux barra mill-isfera ta' kompetenza tagħhom. Ir-riformi nazzjonali jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq investimenti subnazzjonali biss meta dawk ir-riformi jkollhom impatt lokali dirett li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika ta' koeżjoni jew jiġġeneraw benefiċċji transfruntiera ċari għall-Unjoni kollha.

Sabiex jiġi ddeterminat l-impatt lokali dirett ta' dawn ir-riformi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom jevalwaw jekk għandhomx wieħed. Għandhom ukoll jaqblu li r-riformi jew l-azzjonijiet subnazzjonali għandhom jimponu kundizzjonijiet relatati ma' stadji

importanti u objettivi speċifiċi, dment li dan il-ftehim jiġi adottat f'konformità mal-qafas istituzzjonali u r-regoli ta' governanza f'diversi livelli ta' kull Stat Membru.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 27 tal-abbozz ta' rapport.

Emenda 272
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd
	1. L-appoġġ tal-Unjoni għall-kumpens għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd kif stabbilit fl-Artikolu 2b(1), il-punt (p), jista' jingħata, f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:
	(i) il-waqfien huwa previst bħala għodda ta' pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
	(ii) il-waqfien isir permezz tal-iskrappjar tal-bastiment tas-sajd jew billi jiġi dekommissjonat u mmodifikat b'mod retroattiv għal attivitajiet differenti mis-sajd kummerċjali, f'konformità mal-objettivi tal-PKS u tal-pjanijiet pluriennali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
	(iii) il-bastiment tas-sajd ikun irreġistrat bħala attiv u jkun wettaq attivitajiet tas-sajd fuq il-baħar għal mill-inqas 90 jum

fis-sena matul l-aħħar sentejn kalendarji ta' qabel id-data ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal appoġġ;

(iv) il-benefiċjarju ma għandu jirreġistra l-ebda bastiment tas-sajd ġdid fil-ħames snin wara li jirċievi l-appoġġ.

Or. en

Emenda 273
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Sistema ta' kontroll għall-Politika Komuni tas-Sajd
	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u infurzar tagħhom fl-oqsma tas-sajd u tal-akkwakultura biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE …/… [ir-Regolament SNR].
	2. L-awtorità ta' ġestjoni għandha tiġi nnotifikata, meta jkun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena b'każijiet ta' nuqqas ta' konformità fejn ikunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi msemmija fil-paragrafu 1. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, il-firxa, il-permanenza jew l-okkorrenza mill-ġdid u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.
	3. B'deroga mill-paragrafu 2, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda notifika annwali meta l-awtorità ta' ġestjoni jkollha aċċess dirett għad-data rilevanti.

Or. en

Emenda 274
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	***L-għoti ta' appoġġ għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) ta' mill-inqas EUR 7,29 biljun fi prezzijiet attwali (ekwivalenti għal EUR 6,50 biljun fi prezzijiet kostanti tal-2025) bħala allokazzjoni speċifika għas-sajd u l-akkwakultura, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi ta' dawk is-setturi, kif miftiehem fil-Parlament Ewropew. Trid tiġi prevista wkoll allokazzjoni speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi (ORs), filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet strutturali tagħhom u l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-pożizzjoni remota tagħhom.**

Or. pt

Emenda 275
Francisco José Millán Mon

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Eliġibbiltà għall-appoġġ
	L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw l-operazzjonijiet li:
	(a) jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(b) ma jkunux ineliġibbli skont l-Artikolu 4; u

(c) jkunu f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 276
Željana Zovko

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Ammissibbiltà tal-operazzjonijiet u rkupru tal-appoġġ tal-Unjoni
	1. Applikazzjoni għall-appoġġ ippreżentata minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas perjodu ta' żmien speċifikat, jekk:
	(a) ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat (i) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
	(i) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
	(ii) kien involut fl-operat, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment li jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma kkooperawx kif stabbilit fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008; jew
	(iii) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13a], meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet ippreżentata għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura; jew
	2. Għall-finijiet tal-verifika jekk applikant wettaqx ksur serju msemmi fil-paragrafu

1, il-punt (a)(i), ta' dan l-Artikolu, Stat Membru kkonċernat għandu jipprovdi, fuq talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

3.Meta benefiċjarju jkun wettaq waħda mill-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, fil-perjodu bejn il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-appoġġ tal-Unjoni u tliet snin wara l-pagament finali, l-appoġġ tal-Unjoni mħallas lill-benefiċjarju u relatat ma' dik l-applikazzjoni għandu jiġi rkuprat.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu [__] dwar:

(a) l-identifikazzjoni tal-iskattar tal-limitu, u d-dati tal-bidu u tat-tmiem u l-perjodu ta' żmien tal-inammissibbiltà msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li għandhom ikunu proporzjonati man-natura, mal-gravità, mad-durata u mar-ripetizzjoni tal-ksur jew tar-reati serji mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju;

(b) l-arranġamenti għall-irkupru tal-appoġġ mogħti skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li għandhom ikunu proporzjonati man-natura, mal-gravità, mad-durata u mar-ripetizzjoni tal-ksur serju jew ir-reati mill-benefiċjarju kkonċernat u l-importanza tal-appoġġ għall-attività ekonomika ta' dak il-benefiċjarju.

[13a] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/99/oj).

Or. en

Emenda 277
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Appoġġ għat-tiġdid ġenerazzjonali
	1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw, skont il-Pjan SNR tagħhom, azzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd. L-appoġġ taħt il-FEMSA jista' jinkludi, fost l-oħrajn, azzjonijiet li għandhom l-għan li:
	(a) Jiffaċilitaw l-aċċess għall-professjoni, inklużi:
	(i) l-appoġġ għall-ewwel akkwist ta' bastiment jew ta' ishma f'bastiment, f'konformità mal-Artikolu 4(3a);
	(ii) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal-liċenzji, għall-kwoti jew għall-opportunitajiet tas-sajd għas-sajjieda żgħażagħ;
	(iii) l-għoti ta' għotjiet jew strumenti finanzjarji mfassla apposta għall-ħtiġijiet tas-sajjieda żgħażagħ; jew
	(iv) l-appoġġ għat-trasferiment tan-negozji tas-sajd minn sajjieda li jkunu se jirtiraw għal sajjieda żgħażagħ.
	(b) Jiżguraw introjtu ġust u stabbli, inklużi:
	(i) strumenti ta' stabbilizzazzjoni tal-introjtu, fosthom skemi ta' assigurazzjoni u fondi mutwi;
	(ii) miżuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għall-fluttwazzjonijiet fil-kost tal-fjuwil u dak operatorju, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, f'konformità

mal-Artikolu 4b;

(iii) miżuri li jippromwovu remunerazzjoni ġusta u distribuzzjoni tal-valur tul il-katina tal-valur tas-sajd; jew

(iv) miżuri li jappoġġaw id-differenzjazzjoni tas-suq tal-prodotti tas-sajd.

(c) Itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien, fosthom:

(i) it-titjib fis-sikurezza u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd;

(ii) investimenti fl-infrastruttura għall-portijiet tas-sajd, għas-swali tal-irkant, għall-postijiet ta' ħatt l-art u għall-postijiet ta' rifuġju;

(iii) tnaqqis fil-kostijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, jew miżuri ta' appoġġ biex jikkumpensawhom; jew

(iv) miżuri li jiffaċilitaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

(d) Itejbu t-taħriġ u l-ħiliet, inklużi:

(i) programmi ta' taħriġ f'oqsma bħat-teknoloġija tan-navigazzjoni, is-sostenibbiltà, is-sajd b'impatt baxx, u l-ħiliet kummerċjali;

(ii) apprendistati u skemi ta' mentoraġġ li jlaqqgħu sajjieda żgħażagħ ma' sajjieda b'esperjenza; jew

(iii) azzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jtejbu l-attraenza u l-immaġni tal-professjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ tal-Unjoni pprovdut għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali jintegra perspettiva tal-ġeneru u li, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' tali azzjonijiet, tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol tan-nisa fis-settur tas-sajd kollu, kif ukoll għall-ħtiġijiet u għall-isfidi speċifiċi tagħhom.

Emenda 278
Paulo do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	***L-istabbiliment tal-programm "POSEI Sajd", flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali kompetenti, bl-għan li tiġi ssalvagwardjata l-provvista lir-reġjuni ultraperiferiċi ta' prodotti essenzjali tas-sajd u tal-akkwakultura maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew għall-ipproċessar, u tal-mezzi ta' produzzjoni meħtieġa għall-attivitajiet tas-sajd, billi jitnaqqsu l-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-pożizzjoni remota tar-reġjuni mingħajr ma ssir ħsara lill-produzzjoni lokali; iż-żamma u l-iżvilupp, b'mod sostenibbli, tal-katina tal-valur tas-sajd u tal-akkwakultura kollha kemm hi, inklużi l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti lokali; il-kontribut, fejn applikabbli, għall-finanzjament tat-tiġdid tal-flotot tas-sajd ta' dawk ir-reġjuni; u l-appoġġ għall-introjtu tas-sajjieda billi jiżdiedu r-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur. L-ammont minimu allokat għal dawn il-miżuri għandu jkun ta' EUR 630 000 000 u jrid ikun addizzjonali għall-appoġġ disponibbli taħt il-FEMSA, mingħajr ma jillimita jew ixekkel l-aċċess tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-istrumenti u l-finanzjament previsti f'dak il-fond.**
	L-Istati Membri jistgħu jagħtu finanzjament addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-programmi "POSEI Sajd". Dan l-appoġġ jista' jieħu l-forma ta' għajnuna operatorja għall-produzzjoni, l-ipproċessar u l-

kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, bl-għan li jittaffew ir-restrizzjonijiet speċifiċi li jiffaċċjaw dawn ir-reġjuni bħala riżultat tal-iżolament, l-insularità u l-pożizzjoni remota tagħhom. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-għajnuna u l-Kummissjoni tista' tapprovaha f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala parti mill-programm "POSEI Sajd". Dawn l-għajnuniet notifikati għandhom jiġu kkunsidrati bħala notifikati skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

Or. pt

Emenda 279
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Bagit
	Il-pakkett finanzjarju ddedikat għas-sajd u l-akkwakultura se jiġi allokat kif ġej:
	(...)
	(6) L-Istati Membri jipprevedu wkoll li l-Fond Ewropew għall-Kompetittività għandu jintuża għal objettivi industrijali fit-tul marbuta ma' infrastrutturi, il-modernizzazzjoni jew id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-sajd, u l-iżvilupp tal-akkwakultura;
	(7) L-allokazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkostitwixxu pakketti finanzjarji nazzjonali minimi u ma għandhomx jitnaqqsu, jiġu riallokati jew ittrasferiti lejn oqsma oħra ta' politika fil-Pjan SNR. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li fil-pakkett nazzjonali ddedikat għas-sajd u l-akkwakultura jiġi allokat

ammont adegwat għall-akkwakultura, inkluża l-akkwakultura b'impatt baxx u ta' livell trofiku baxx, sabiex jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-aċċessibbiltà tagħha għall-operaturi ż-żgħar; l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena lill-Kummissjoni dwar l-ammonti allokati u r-riżultati miksuba għall-akkwakultura skont dan ir-Regolament.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 28 tal-abbozz ta' rapport.

Emenda 280
Nicolás González Casares, André Franqueira Rodrigues, Idoia Mendia, Sérgio Gonçalves, Thomas Bajada, Eric Sargiacomo, Giuseppe Lupo, Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet
	1. Applikazzjoni għall-appoġġ ippreżentata minn applikant għandha tkun inammissibbli għal mill-inqas iż-żmien kif definit fl-att delegat kif imsemmi fl-Artikolu 4b ta' dan ir-Regolament jekk ikun ġie ddeterminat mill-awtorità kompetenti li l-applikant ikkonċernat:
	(a) ikun wettaq ksur serju skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jew skont leġiżlazzjoni oħra adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qafas tal-PKS;
	(b) kien involut fl-operazzjoni, fil-ġestjoni jew fis-sjieda ta' bastiment tas-sajd inkluż fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 40(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, jew ta' bastiment li

jtajjar il-bandiera ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx kif stipulat fl-Artikolu 33 ta' dak ir-Regolament; jew

(c) ikun wettaq kwalunkwe reat ambjentali stabbilit fl-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, meta l-applikazzjoni għall-appoġġ tkun ġiet ippreżentata għall-interventi speċifiċi tal-akkwakultura.

2. Għall-finijiet tal-verifika dwar jekk applikant wettaqx ksur serju kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, Stat Membru għandu jipprovdi, fuq talba minn Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru nazzjonali tiegħu ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 93 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Or. en

Emenda 281
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3d
	Tipi ta' intervent taħt il-Politika Komuni tas-Sajd
	L-interventi taħt il-Politika Komuni tas-Sajd jinkludu:
	(...)
	(1) l-appoġġ għas-sajd u l-akkwakultura sostenibbli (minn upstream għal downstream), inkluża l-akkwakultura ta' livell trofiku baxx u s-sistemi tal-ekosistema li tikkontribwixxi għalihom, kif ukoll ir-restawr, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi

akkwatiċi, il-bijodiversità u l-ekosistemi akkwatiċi marbuta mal-ħtiġijiet tas-sajd u l-akkwakultura, inkluż il-waqfien temporanju u permanenti, it-tranżizzjoni tal-enerġija, it-tiġdid tal-flotta u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll miżuri biex jittejbu s-sikurezza u l-kundizzjonijiet tal-għajxien abbord il-bastimenti;

(...)

3a) L-appoġġ għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(...)

8a) l-appoġġ għall-operaturi involuti fll-ewwel bejgħ u fl-ewwel ipproċessar tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, inklużi n-negozji tal-ħut;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 29 tal-abbozz ta' rapport

Emenda 282
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3e
	Programm "POSEI tas-sajd" għar-reġjuni ultraperiferiċi
	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri speċifiċi fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura ("programm POSEI tas-Sajd") sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet marbuta man-natura ultraperiferika ta' dawk ir-reġjuni, b'mod partikolari l-qagħda mbiegħda, l-insularità, id-daqs żgħir tal-erja, ir-riżalt u l-klima diffiċli, kif ukoll id-dipendenza ekonomika fuq

numru limitat ta' prodotti, fir-reġjuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li:

(...)

b) iżommu u jiżviluppaw b'mod sostenibbli l-katina tal-provvista tas-sajd u tal-akkwakultura, b'appoġġ għall-organizzazzjonijiet professjonali, il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti lokali;

(...)

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 30 tal-abbozz ta' rapport

Emenda 283
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Artikolu 3f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3f
	Pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali
	1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti ta' kriżi lis-sajjieda, lill-produtturi tal-akkwakultura, lill-operaturi relatati u lill-proċessuri inizjali li huma affettwati minn sitwazzjonijiet ta' emerġenza eċċezzjonali, bħal diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi, katastrofi jew sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi, inklużi eventi ambjentali jew tas-saħħa li jwasslu għal projbizzjoni tas-sajd. Tali pagamenti għandhom ikunu maħsuba biex jiżguraw il-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd jew tal-akkwakultura jew ta' attivitajiet relatati u għandhom

ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u speċifikati f'aktar dettall mill-Istati Membri.

2. L-għajnuna mogħtija skont dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal rikonoxximent formali mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-okkorrenza ta' sitwazzjoni ta' emerġenza eċċezzjonali, bħal diżastru naturali, event klimatiku avvers, katastrofi jew sitwazzjoni ta' kriżi oħra, kif definita minn dak l-Istat Membru, u li l-okkorrenza ta' dik is-sitwazzjoni kkawżat tfixkil sinifikanti fl-attività tas-sajd jew tal-akkwakultura, fl-aċċess għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li fuqhom jibbażaw l-operaturi relatati msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll il-provvista u d-domanda ta' dawn il-prodotti, jew żieda sinifikanti fin-nefqiet operatorji tagħhom b'riżultat tal-okkorrenza tas-sitwazzjoni. B'mod partikolari, is-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu dan li ġej:

a) waqfien temporanju tal-attivitajiet skont il-miżuri msemmija fl-Artikolu 7(1), il-punti (a), (b), (c), (i) u (j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jew miżuri ta' konservazzjoni applikabbli ekwivalenti adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

b) waqfien temporanju tal-attivitajiet skont l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

c) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat tan-nuqqas ta' konformità ta' pajjiż terz jew territorju mal-obbligi internazzjonali tiegħu jew tal-interruzzjoni tal-applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali;

u d) waqfien temporanju tal-attivitajiet bħala riżultat ta' speċi invażivi.

3. Is-sajjieda, il-produtturi tal-akkwakultura u l-operaturi relatati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom

jitqiesu li jibbażaw fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura meta l-prodotti jew l-attivitajiet affettwati mis-sitwazzjoni jkunu ammontaw għal mill-inqas 30 % tal-attivitajiet kummerċjali annwali medji tagħhom matul il-perjodu ta' tliet snin preċedenti, jew ta' medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ogħla u l-inqas valuri.

3a. Il-proċessuri inizjali tal-prodotti tas-sajd għandhom jitqiesu li jiddependu fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura meta mill-inqas 20 % tax-xirjiet tal-prodotti tagħhom jsiru permezz ta' rkantijiet li kienu dipendenti fuq is-sajjieda jew il-produtturi tal-akkwakultura affettwati mill-waqfien temporanju, li jammontaw għal mill-inqas 5 % tal-produzzjoni għall-irkant fuq medja ta' tliet snin ibbażata fuq il-perjodu ta' ħames snin preċedenti, bl-esklużjoni tal-ogħla u l-inqas valuri.

(...)

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ibbażata fuq l-emenda 31 tal-abbozz ta' rapport.